

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 309

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

19 ta' Novembru 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1159/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzjar għall-utenti tal-GMES u jiddefinixxi l-kriterji għar-restrizzjoni tal-aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1160/2013 tas-7 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Rigotte de Condrieu (DPO)]** 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2013 tas-7 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pecorino di Picinisco (DPO)]** 9
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1162/2013 tas-7 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Puzzone di Moena/Spretz Tzaorì (DPO)]** 11
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1163/2013 tas-7 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Mohant (DPO)]** 13
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1164/2013 tas-7 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Waterford Blaa/Blaa (IĠP)]** 15

Prezz: EUR 4

(Ikompri fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1165/2013 tat-18 ta' Novembru 2013 li japprova s-sustanza attiva żejt tal-larinġ, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽¹⁾** 17

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1166/2013 tat-18 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva diklorprop-P ⁽¹⁾** 22

- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1167/2013 tat-18 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 25

DEĊIŻJONIJIET

2013/664/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2012 dwar il-miżura SA.23324 – C 25/07 (ex NN 26/07) – il-Finlandja Finavia, Airpro u Ryanair fl-ajruport ta' Tampere-Pirkkala (notifikata bid-dokument C(2012) 5036) ⁽¹⁾** 27

2013/665/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2013 dwar l-għajjnuna tal-Istat SA.33726 (11/C) [eks SA.33726 (11/NN)] – mogħtija mill-Italja (differiment tal-ħlas tal-imposti fuq il-ħalib fl-Italja) (notifikata bid-dokument C(2013) 4046)** 40

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/666/UE:

- ★ **Deċiżjoni Nru 4/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 li taħtar membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Koperazzjoni Agrikola u Rurali (CTA)** 49

2013/667/UE:

- ★ **Deċiżjoni Nru 5/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)** 50

Rettifika

- ★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 566/2012 tat-18 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 169, 29.6.2012)** 55



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1159/2013

tat-12 ta' Lulju 2013

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzjar għall-utenti tal-GMES u jiddefinixxi l-kriterji għar-restrizzjoni tal-aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-politika ta' dejta u informazzjoni tal-GMES għandha tkun konsistenti ma' politiki, strumenti u azzjonijiet oħra rilevanti tal-Unjoni. Għandha tkun konformi, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ⁽²⁾. Din il-politika għandha tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji rikonnoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għal ħajja privata, il-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt ta' proprjetà intellettwali, il-libertà tal-arti u x-xjenza u l-libertà tal-intrapriża.
- (2) Il-politika ta' dejta u informazzjoni tal-GMES għandha tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-politika ta' dejta miftuħa promossa mill-Unjoni, mibdija bid-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku ⁽³⁾ u rinforzata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni ⁽⁴⁾ adottata fil-

kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 intitolata 'Aġenda Diġitali għall-Ewropa' ⁽⁵⁾.

- (3) Għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzjar għall-utenti tal-GMES u għandhom jiġu ddefiniti l-kriterji għar-restrizzjoni tal-aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u s-servizz ta' informazzjoni tal-GMES. Il-kundizzjonijiet ta' aċċess għal dejta u informazzjoni oħra użati bħala inputs għas-servizzi tal-GMES għandhom jiġu ddefiniti mill-fornituri tagħhom.
- (4) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' Ottubru 2009 intitolata 'Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): L-Isfidi u l-Passi li Jmiss għall-Komponent Spazjali' ⁽⁶⁾, uriet l-intenzjoni tagħha li tkompli bl-implimentazzjoni ta' politika ta' aċċess mingħajr ħlas u miftuħ għas-Sentinelli.
- (5) L-aċċess għad-dejta Sentinella għandu jkun mingħajr ħlas, sħiħ u miftuħ, f'konformità mal-Prinċipji Konġunti għal Politika ta' Dejta tas-Sentinelli ⁽⁷⁾ adottati mill-Bord għall-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm (PB-EO) tal-Aġenzija Spazjali Ewropea.
- (6) Il-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jikkontribwixxu għall-operazzjonijiet tal-GMES taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 911/2010, għandu jkollhom aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-Istati Membri.
- (7) Kif inhu mniżżel fil-premessa 28 tar-Regolament (UE) Nru 911/2010, il-GMES għandhom jitqiesu bħala kontribuzzjoni Ewropea għall-bini tas-Sistema tas-Sistemi Globali tal-Osservazzjoni tad-Dinja (GEOSS). Għalhekk, it-tixrid miftuħ tal-GMES għandu jkun kompletament kompatibbli mal-prinċipji ta' kondivizzjoni tad-dejta tal-GEOSS.

⁽¹⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.⁽⁴⁾ ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39.⁽⁵⁾ COM(2010) 245 finali/2 tas-26 ta' Awwissu 2010.⁽⁶⁾ COM(2009) 589 finali⁽⁷⁾ ESA/PB-EO(2009)98, rev. 1

- (8) Sabiex jiġu sodisfatti l-oġġettivi għall-politika ta' dejta u informazzjoni tal-GMES imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 911/2010, l-utenti għandhom jiġu provduti bl-awtorizzazzjoni neċessarja biex jużaw dejta ddedikata tal-GMES u informazzjoni ta' servizz tal-GMES sakemm huwa l-aktar possibbli. L-utenti għandhom ukoll jitħallew jiddistribwixxu mill-ġdid, bil-modifiki jew mingħajrhom, id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES.
- (9) Id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għandhom ikunu mingħajr ħlas għall-utenti biex jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji soċjali li jinħolqu minn użu akbar tad-dejta ddedikata tal-GMES u tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES.
- (10) Il-politika ta' tixrid miftuħ tal-GMES tista' tiġi riveduta u fejn meħtieġ adattata, billi jitqiesu l-bżonnijiet tal-utenti, tal-industrija ta' osservazzjoni tad-Dinja u tal-iżviluppi teknoloġiċi.
- (11) Fl-interess ta' distribuzzjoni wiesgħa tad-dejta u l-informazzjoni tal-GMES, huwa xieraq li ma jiġux mogħtija garanziji espliċiti jew impliċiti, lanqas fir-rigward tal-kwalità u l-idoneità għall-iskopijiet kollha.
- (12) Il-Kummissjoni għandha tapplika restrizzjonijiet fuq it-tixrid miftuħ tal-GMES, fejn l-aċċess mingħajr ħlas, sħiħ u miftuħ għal xi dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES se jaffettwa d-drittijiet u l-prinċipji minqaxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea bħad-dritt għall-privatezza, id-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali jew tal-proprjetà intellettwali fuq dejta użata bħala input fil-proċess ta' produzzjoni tas-servizzi tal-GMES.
- (13) Fejn meħtieġ, ir-restrizzjonijiet għandhom jipproteġu l-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni, kif ukoll l-interessi nazzjonali ta' sigurtà tal-Istati Membri. Sa fejn huma kkonċernati l-interessi nazzjonali ta' sigurtà, dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jirrispettaw l-obbligi tal-Istati Membri li saru parti minn organizzazzjoni ta' difiża komuni taħt it-trattati internazzjonali. Il-valutazzjoni tal-kriterji ta' sensitività għar-restrizzjoni tat-tixrid tad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għandhom jiżguraw li l-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà ikunu solvuti ex-ante, b'tali mod li jippermettu t-twassil mingħajr interruzzjoni tad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES.
- (14) Il-kriterji ta' sensitività għandhom jirriflettaw l-parametri differenti li x'aktarx jiffurmaw riskju għas-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. It-tneħħid għall-infrastruttura kritika, kif iddefinit taħt l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom ⁽¹⁾, għandu jitqies bħala kriterju importanti ta' sensitività.
- (15) Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jitolbu biex ir-restrizzjonijiet jiġu applikati għaddispożizzjoni ta' dejta speċifika ddedikata tal-GMES u għall-informazzjoni speċifika ta' servizz tal-GMES. Waqt l-eżaminar ta' dawn it-talbiet, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tiżgura tweġiba effiċjenti u effettiva biex tippoteġi l-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, filwaqt li tistinka għall-inqas interruzzjoni possibbli ta' flussi ta' dejta u informazzjoni għall-utenti.
- (16) Il-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES jistgħu jiffaċċaw limitazzjonijiet tekniċi li jistgħu jagħmluha impossibbli li dawn jissodisfaw it-talbiet kollha ta' dejta u informazzjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, l-aċċessibbiltà teknika tad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għandhom ikunu riżervati għall-utenti minn pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jipparteċipaw f'operazzjonijiet relatati mal-attivitajiet tal-GMES, biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz. Fejn xieraq, il-benefiċċju tas-servizzi riżervati għandu jiddependi minn xi forma ta' reġistrazzjoni. Il-fatt li jinkisbu servizzi riżervati ma għandhux iwaqqaf lil dawk l-utenti li kisbu dejta jew informazzjoni permezz ta' dawn is-servizzi, milli jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija taħt dan ir-Regolament, inkluż id-dritt li tiġi distribwita mill-ġdid din id-dejta jew informazzjoni.
- (17) Għandhom jiġu provduti erba' livelli ta' reġistrazzjoni tal-utenti rigward l-aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES. L-ewwel nett, fl-interess ta' użu wiesa' tad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES, għandhom jiġu provduti mingħajr reġistrazzjoni, servizzi ta' riċerka u konsultazzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2007/2/KE. It-tieni nett, għandu jkun possibbli li wieħed jikseb formula sempliċi ta' reġistrazzjoni fir-rigward tas-servizzi mniżżla fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(1)(c) tad-Direttiva 2007/2/KE. Il-proċess ta' reġistrazzjoni ma għandux igerrex lill-utenti milli jaċċessaw id-dejta u l-informazzjoni, iżda għandu jkun possibbli li jintuża biex jinġabru statistiki tal-utent. It-tielet nett, livell intermedju ta' reġistrazzjoni għandu jippermetti l-impimentazzjoni ta' riżerva ta' aċċess għal ċerti gruppi ta' utenti. Ir-raba' nett, proċedura stretta ta' reġistrazzjoni għandha tintuża biex tindirizza l-bżonn li jiġi limitat l-aċċess għal raġunijiet ta' sigurtà li jitolbu l-identifikazzjoni inekwivokabbli tal-utent,

⁽¹⁾ ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 4

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jstabbilixxi

- (a) kundizzjonijiet għall-aċċess sħiħ u miftuħ għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u għal dejta miġbura permezz tal-infrastruttura ddedikata tal-GMES;
- (b) kriterji li jillimitaw l-aċċess għal dik l-informazzjoni u d-dejta;
- (c) kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-utenti tal-GMES.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "Servizz tal-GMES" tfisser il-komponent ta' servizz imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 911/2010;
- (b) "Informazzjoni ta' servizz tal-GMES" tfisser l-informazzjoni u l-metadejta tagħha prodotta mis-servizzi tal-GMES;
- (c) "Dejta ddedikata tal-GMES" tfisser id-dejta miġbura permezz tal-infrastruttura ddedikata tal-GMES u l-metadejta tagħhom;
- (d) "Metadejta" tfisser l-informazzjoni strutturata dwar id-dejta jew l-informazzjoni li tippermetti r-riċerka, l-inventarju u l-użu tagħha;
- (e) "Pjattaforma ta' tixrid tal-GMES" tfisser is-sistemi tekniċi użati biex tinxtered id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES lill-utenti;
- (f) "Servizzi ta' riċerka" tfisser is-servizzi ta' riċerka kif iddefiniti fil-punt 1.(a) tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE;
- (g) "Servizzi ta' konsultazzjoni" tfisser is-servizzi ta' konsultazzjoni kif iddefiniti fil-punt 1.(b) tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE;
- (h) "Servizzi mniżżla mill-Internet" tfisser is-servizzi mniżżla mill-Internet kif iddefiniti fil-punt 1.(c) tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE.

KAPITOLU 2

TIXRID MIFTUĦ TAD-DEJTA DDEDIKATA TAL-GMES U L-INFORMAZZJONI TA' SERVIZZ TAL-GMES – KUNDIZZJONIJET TA' LIĊENZJAR

Artikolu 3

Il-prinċipji ta' tixrid miftuħ

L-utenti għandu jkollhom aċċess mingħajr ħlas, sħiħ u miftuħ għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 sa 10, suġġetti għar-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 11 sa 16.

Kundizzjonijiet finanzjarji

Għandu jingħata aċċess mingħajr ħlas għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES disponibbli permezz tal-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES taħt kundizzjonijiet tekniċi ddefiniti minn qabel imsemmija fl-Artikolu 5(1).

Artikolu 5

Kundizzjonijiet dwar il-karatteristiċi, il-format u l-mezzi ta' tixrid

1. Għal kull tip ta' dejta ddedikata tal-GMES u informazzjoni ta' servizz tal-GMES, il-fornituri ta' din id-dejta u informazzjoni għandhom jiddefinixxu mill-inqas sett ta' karatteristiċi, format u mezzi ta' tixrid taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni u għandhom jikkomunikaw dik id-definizzjoni fuq il-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES.

2. Id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2007/2/KE sal-punt li d-dejta u l-informazzjoni jaqgħu fl-ambitu ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet dwar il-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES

Id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għandhom jixxerdu lill-utenti permezz tal-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES provduti minn, jew taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet dwar l-użu

1. L-aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għandu jingħata għall-fini tal-użu li ġej, sakemm ikun legali:

- (a) riproduzzjoni;
- (b) distribuzzjoni;
- (c) komunikazzjoni lill-pubbliku;
- (d) adattament, modifika u kombinazzjoni ma' dejta u informazzjoni oħra;
- (e) kwalunkwe kombinazzjoni tal-punti (a) sa (d).

2. Id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES jistgħu jintużaw fid-dinja kollha mingħajr limitazzjonijiet

Artikolu 8

Kundizzjonijiet dwar l-informazzjoni li trid tingħata mill-utenti

1. Meta tiġi mqasma jew ikkomunikata d-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES lill-pubbliku, l-utenti għandhom jinfurmaw lill-pubbliku bis-sors ta' dik id-dejta u informazzjoni.

2. L-utenti għandhom ikunu ċerti li ma jagħtux l-impresjoni lill-pubbliku li l-attivitatijiet tal-utent ikunu approvati uffiċjalment mill-Unjoni.

3. L-utent għandu jiddikjara biċ-ċar meta dik id-dejta jew informazzjoni tkun ġiet adattata jew immodifikata.

Artikolu 9

Nuqqas ta' garanzija

Id-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES jiġu provduti lill-utenti mingħajr garanzija espliċita jew impliċita, lanqas fir-rigward tal-kwalità u l-idoneità għall-iskopijiet kollha.

Artikolu 10

Kundizzjonijiet f'każ ta' restrizzjonijiet għat-tixrid miftuħ

Meta l-Kummissjoni tillimita l-aċċess għad-dejta ddedikata tal-GMES u l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għal ċerti utenti skont l-Artikolu 12, dawk l-utenti għandhom jirreġistraw taħt proċedura li tippermetti l-identifikazzjoni inekwivokabbli tagħhom qabel ma jingħataw aċċess.

KAPITOLU 3

RESTRIZZJONIJIET

Artikolu 11

Drittijiet konfliġġenti

Meta t-tixrid miftuħ ta' ċerta dejta ddedikata tal-GMES jew ta' informazzjoni ta' servizz tal-GMES joħloq kunflitt mal-ftehim internazzjonali jew mal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali mehmuża mad-dejta u l-informazzjoni użati bħala inputs fil-proċessi ta' produzzjoni tas-servizz ta' informazzjoni tal-GMES, jew jaffettwa b'mod sproporzjonat id-drittijiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħad-dritt għal ħajja privata jew il-protezzjoni tad-dejta personali, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 911/2010, biex tevita dan il-kunflitt jew biex tillimita t-tixrid tad-dejta ddedikata tal-GMES jew tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES inkwistjoni.

Artikolu 12

Protezzjoni tal-interessi ta' sigurtà

1. Meta t-tixrid miftuħ tad-dejta ddedikata tal-GMES u tal-informazzjoni ta' servizz jippreżenta grad mhux aċċettabli ta' riskju għall-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha minħabba s-sensittività tad-dejta u l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tillimita t-tixrid tagħhom skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 911/2010.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sensittività tad-dejta ddedikata tal-GMES u tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES bl-użu tal-kriterji ta' sensittività stipulati fl-Artikoli 13 sa 16.

Artikolu 13

Kriterji ta' sensittività għad-dejta ddedikata tal-GMES

1. Meta d-dejta ddedikata tal-GMES tiġi prodotta minn sistema ta' osservazzjoni bbażata fl-ispazju u li tissodisfa mill-inqas waħda mill-karatteristiċi msemmija fl-Anness, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sensittività tad-dejta abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) il-karatteristiċi tekniċi tad-dejta, inklużi r-riżoluzzjoni spazjali u
- (b) iż-żmien ta' bejn l-akkwiżizzjoni u t-tixrid tad-dejta;
- (c) l-eżistenza ta' kunflitti armati, theddid għall-paċi jew għas-sigurtà internazzjonali jew reġjonali, jew għall-infrastrutturi kritiki fi ħdan it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/114/KE fil-qasam li tirreferi għalih id-dejta ddedikata tal-GMES;
- (d) l-eżistenza ta' vulnerabbiltajiet ta' sigurtà jew l-użu probabbli tad-dejta ddedikata tal-GMES għal attivitajiet tattiki jew operazzjonali li huma ta' dannu għall-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha jew tas-sħab internazzjonali.

2. Meta d-dejta ddedikata tal-GMES tiġi prodotta minn sistema ta' osservazzjoni bbażata fl-ispazju u ma tissodisfa l-ebda karatteristika elenkata fl-Anness, id-dejta ddedikata tal-GMES tiġi meqjusa bħala mhux sensittiva.

Artikolu 14

Kriterji ta' sensittività għall-informazzjoni ta' servizz tal-GMES

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sensittività tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES skont il-kriterji li ġejjin:

- (a) is-sensittività tal-inputs użati fil-produzzjoni tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES;
- (b) iż-żmien ta' bejn l-akkwiżizzjoni tal-inputs u t-tixrid tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES;
- (c) l-eżistenza ta' kunflitti armati, theddid għall-paċi jew għas-sigurtà internazzjonali jew reġjonali, jew għall-infrastrutturi kritiki fi ħdan it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/114/KE fil-qasam li tirreferi għalih l-informazzjoni ta' servizz tal-GMES;
- (d) l-eżistenza ta' vulnerabbiltajiet ta' sigurtà jew l-użu probabbli tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES għal attivitajiet tattiki jew operazzjonali li huma ta' dannu għall-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha jew tas-sħab internazzjonali.

Artikolu 15

Talba għall-valutazzjoni mill-ġdid tas-sensittività

Meta jinbidlu l-kundizzjonijiet li taħtom tkun saret il-valutazzjoni skont l-Artikolu 13 jew 14, il-Kummissjoni tista' tivvaluta mill-ġdid is-sensittività tad-dejta ddedikata tal-GMES jew tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru bil-għan li tillimita, tissospendi jew tippermetti l-akkwiżizzjoni tad-dejta ddedikata tal-GMES jew it-tixrid tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES. Meta Stat Membru jkun ressaq talba għal valutazzjoni mill-ġdid, il-Kummissjoni għandha tqis il-limitazzjonijiet ta' żmien u ta' ambitu għar-restrizzjoni mitluba.

*Artikolu 16***Bilanċ tal-interessi**

1. Fil-valutazzjoni tas-sensittività tad-dejta ddedikata tal-GMES u tal-informazzjoni ta' servizz tal-GMES skont l-Artikolu 12, l-interessi ta' sigurtà għandhom ikunu bbilanċjati skont l-interessi tal-utenti u l-benefiċċji ambjentali, soċjetali u ekonomiċi tal-ġbir, tal-produzzjoni u tat-tixrid miftuħ tad-dejta u l-informazzjoni inkwistjoni.

2. Waqt il-valutazzjoni ta' sigurtà, il-Kummissjoni għandha tqis jekk ir-restrizzjonijiet se jkunu effettivi jew le fl-eventwalità li dejta simili tkun disponibbli minn sorsi oħra.

KAPITOLU 4

RIŻERVA TAL-AĊĊESS U REĠISTRAZZJONI*Artikolu 17***Riżerva tal-aċċess**

1. Meta t-talbiet għall-aċċess jaqbżu l-kapaċità tal-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES, l-aċċess għar-riżorsi tal-GMES jista' jkun irriżervat għal kwalunkwe utent minn dawn li ġejjin:

- (a) is-servizzi pubbliċi, l-industrija, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u ċ-ċittadini tal-Unjoni;
- (b) is-servizzi pubbliċi, l-industrija, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u ċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li jikkontribwixxu għall-operazzjonijiet tal-GMES;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2013.

(c) organizzazzjonijiet internazzjonali li jikkontribwixxu għall-operazzjonijiet tal-GMES.

2. L-utenti li għalihom huwa riżervat l-aċċess skont il-paragrafu 1, għandhom jirreġistraw sabiex jiksbu aċċess, billi jikkomunikaw l-identità tagħhom, jipprovdu informazzjoni ta' kuntatt, il-qasam ta' attività u l-pajjiż tal-istabbiliment.

*Artikolu 18***Reġistrazzjoni**

1. Sabiex jaċċessaw is-servizzi ta' tniżżil mill-Internet, l-utenti għandhom jirreġistraw onlajn fuq il-pjattaformi ta' tixrid tal-GMES. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun mingħajr ħlas. L-utenti għandhom ikunu mitluba jirreġistraw darba biss u għandhom jiġu aċċettati b'mod awtomatiku. Il-proċess ta' reġistrazzjoni jinkludi l-passi li ġejjin:

- (a) il-ħolqien mill-utent ta' kont tal-utent u ta' password;
 - (b) l-utent irid jagħti informazzjoni statistika għal mhux aktar minn 10 punti.
2. Ma hemm bżonn tal-ebda reġistrazzjoni għas-servizzi ta' riċerka u ta' konsultazzjoni.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJET FINALI*Artikolu 19*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Karatteristiċi tas-sistema ta' osservazzjoni bbażata fl-ispazju kif imsemmija fl-Artikolu 13

- (a) Is-sistema hija teknikament kapaċi li tiġġenera dejta ta' riżoluzzjoni ġeometrika ta' 2,5 metri jew inqas, f'mill-inqas direzzjoni orizzontali waħda.
 - (b) Is-sistema hija teknikament kapaċi li tiġġenera dejta ta' riżoluzzjoni ġeometrika ta' 5 metri jew inqas, f'mill-inqas direzzjoni orizzontali waħda fil-medda spettrali ta' bejn 8 u 12-il mikron (infrared termali).
 - (c) Is-sistema hija teknikament kapaċi li tiġġenera dejta ta' riżoluzzjoni ġeometrika ta' 3 metri jew inqas, f'mill-inqas direzzjoni orizzontali waħda f'medda spettrali li tvarja minn millimetru (1) sa metru (1) (microwave).
 - (d) Is-sistema għandha aktar minn 49 kanal spettrali u hija teknikament kapaċi li tiġġenera dejta ta' riżoluzzjoni ġeometrika ta' 10 metri jew inqas, f'mill-inqas direzzjoni orizzontali waħda, f'mill-inqas kanal spettrali wieħed.
-

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1160/2013**tas-7 ta' Novembru 2013****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Rigotte de Condrieu (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba minn Franza biex id-denominazzjoni "Rigotte de Condrieu" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda sqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Rigotte de Condrieu" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 130, 7.5.2013, p. 15.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

FRANZA

Rigotte de Condrieu (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1161/2013**tas-7 ta' Novembru 2013****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pecorino di Picinisco (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, it-talba mill-Italja biex id-denominazzjoni "Pecorino di Picinisco" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

(2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Pecorino di Picinisco" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 57, 27.2.2013, p. 28.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

L-ITALJA

Pecorino di Picinisco (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1162/2013**tas-7 ta' Novembru 2013****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Puzzone di Moena/Spretz Tzaori (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja biex id-denominazzjoni "Puzzone di Moena"/"Spretz Tzaori" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Puzzone di Moena"/"Spretz Tzaori" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 77, 15.3.2013, p. 21.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

L-ITALJA

Puzzone di Moena/Spretz Tzaorì (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1163/2013**tas-7 ta' Novembru 2013****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Mohant (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, id-domanda mis-Slovenja biex id-denominazzjoni "Mohant" tiddaħħal fir-reġistru għet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ma għet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, għalhekk din id-denominazzjoni għandha tiġi reġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan reġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 160, 6.6.2013, p. 7.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

IS-SLOVENJA

Mohant (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1164/2013**tas-7 ta' Novembru 2013****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Waterford Blaa/Blaa (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, id-domanda mill-Irlanda biex id-denominazzjoni 'Waterford Blaa/Blaa' tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

(2) Ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, għalhekk id-denominazzjoni "Waterford Blaa/Blaa" għandha tiġi reġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 134, 14.5.2013, p. 49.

ANNEX

Prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel elenkati fil-punt I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

Klassi 2.4. Ħobż, pasti, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara

IRLANDA

Waterford Blaa/Blaa (IĠP)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1165/2013

tat-18 ta' Novembru 2013

li japprova s-sustanza attiva żejt tal-larinġ, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 80(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandha tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽²⁾ fir-rigward tal-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li għalihom ġiet adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 6(3) ta' dik id-Direttiva qabel l-14 ta' Ġunju 2011. Għaż-żejt tal-larinġ, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 80(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma sodisfatti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/438/KE ⁽³⁾.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, fit-22 ta' Frar 2008 Franza rċiviet applikazzjoni minn Oro Agri biex is-sustanza attiva żejt tal-larinġ tiġi inkluzja fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni 2009/438/KE kkonfermat li d-dossier kien "komplut" fis-sens li seta' jitqies bħala wieħed li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-dejta u tal-informazzjoni tal-Annessi II u III tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (3) Għal dik is-sustanza attiva, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u fuq l-ambjent ġew ivalutati, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użi proposti mill-applikant.

Ir-relatur maħtur mill-Istat Membru ressaq abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni fit-12 ta' Awwissu 2009. Skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 188/2011 ⁽⁴⁾ fl-13 ta' Ġunju 2012 l-applikant talab informazzjoni addizzjonali. L-evalwazzjoni tad-dejta addizzjonali minn Franza tressqet fil-format ta' abbozz aġġornat tar-rapport ta' valutazzjoni f'Novembru 2012.

- (4) L-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni ġie analizzat mill-Istati Membri u mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità"). Fl-1 ta' Marzu 2013, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha lill-Kummissjoni ⁽⁵⁾ dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva żejt tal-larinġ. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjoni tal-Awtorità analizzawhom l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u fit-3 ta' Ottubru 2013 ġew iffinalizzati fil-format ta' rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni għaż-żejt tal-larinġ.
- (5) Minn bosta eżaminazzjonijiet li saru deher li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-larinġ jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) u fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li kienu eżaminati u ddetaljati fir-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk, huwa xieraq li ż-żejt tal-larinġ jiġi approvat.
- (6) Madankollu, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, hemm bżonn li jiġu inklużi ċerti kundizzjonijiet u restrizzjonijiet. B'mod partikolari, jixraq li tintalab iktar informazzjoni ta' konferma.
- (7) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel l-approvazzjoni sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-approvazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/438/KE tat-8 ta' Ġunju 2009 li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossier li tressaq għall-analiżi dettaljata fid-dawl tal-possibbiltà tal-inklużjoni taż-żejt tal-larinġ fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 47).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 188/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-proċedura għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li ma kinux fis-suq sentejn wara d-data ta' notifika ta' dik id-Direttiva (ĠU L 53, 26.2.2011, p. 51).

⁽⁵⁾ EFSA Journal 2013;11(2):3090. Jista' jinstab onlajn: www.efsa.europa.eu

- (8) Madankollu, bla preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bħala konsegwenza tal-approvazzjoni, u meta titqies is-sitwazzjoni speċifika li nħolqot bit-tranżizzjoni mid-Direttiva 91/414/KEE għar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandu japplika dan li ġej. L-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-approvazzjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-larinġ. L-Istati Membri għandhom, kif xieraq, ivarjaw, jissostitwixxu jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet. B'deroga minn dik l-iskadenza, għandu jingħataw perjodu itwal għas-sottomissjoni u għall-valutazzjoni tad-dossier komplut tal-Anness III, kif stipulat fid-Direttiva 91/414/KEE, ta' kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu intenzjonat skont il-prinċipji uniformi.
- (9) L-esperjenza tal-inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi valutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 ⁽¹⁾ uriet li jistgħu jinqalgħu xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni tad-dmirijiet tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti dwar l-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati aktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li jiġu ċċarati l-obbligi tal-Istati Membri, speċjalment l-obbligu li jkun ivverifikat li d-detentur tal-awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi l-ebda obbligu għid fuq l-Istati Membri jew id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet, meta mqabbla mad-Direttivi li ġew adottati s'issa li jemendaw l-Anness I ta' dik id-Direttiva jew ir-Regolamenti li japprovaw is-sustanzi attivi.
- (10) Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ għandu jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Approvazzjoni ta' sustanza attiva

Is-sustanza attiva żejt tal-larinġ, kif speċifikat fl-Anness I, hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10).

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

Artikolu 2

Valutazzjoni mill-ġdid tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

1. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-larinġ bħala sustanza attiva sal-31 ta' Ottubru 2014.

Sa dik id-data dawn għandhom, b'mod partikolari, jivverifikaw li jkun għew issodisfatti l-kundizzjonijiet fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, ħliel dawk identifikati fil-kolonna dwar dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dak l-Anness, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu dossier jew għandu aċċess għalih, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) sa (4) ta' dik id-Direttiva u l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih iż-żejt tal-larinġ bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li lkoll huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-Istati Membri, mhux iktar tard mit 30 ta' April 2014, għandhom jerġgħu jevalwaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi, kif huwa msemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, abbażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE u billi jqisu l-kolonna dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, huma għandhom jstabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Wara li dan jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom:

- (a) fil-każ ta' prodott li jkun fih iż-żejt tal-larinġ bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2015; jew
- (b) fil-każ ta' prodott li fih iż-żejt tal-larinġ bħala waħda minn bosta sustanzi attivi, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2015 jew sad-data ffixsata għal tali emenda jew irtirar fl-att jew fl-atti rispettivi li jkun żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, jew approvaw dik is-sustanza jew dawk is-sustanzi, skont liema waħda tkun l-iktar riċenti.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
<p>Żejt tal-larinġ</p> <p>Nru tas-CAS 8028-48-6 (Estratt tal-larinġ)</p> <p>5989-27-5 (D-limonene)</p> <p>Nru tas-CIPAC 902</p>	(R)-4-isopropenil-1-metilcikloesan jew p-menta-1,8-dien	<p>≥ 945 g/kg (ta' D-limonene)</p> <p>Is-sustanza attiva għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-Ph. Eur. (Pharmacopoeia Europea) 5.0 (Aurantii dulcis aetheroleum) u ISO 3140:2011(E)</p>	1-1 ta' Mejju 2014	it-30 ta' April 2024	<p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-larinġ u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali fit-3 ta' Ottubru 2013.</p> <p>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal:</p> <p>(a) il-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema;</p> <p>(b) ir-riskju għall-għasafar u l-mammiferi.</p> <p>Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju.</p> <p>L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma rigward</p> <p>(1) id-destin metaboliku taż-żejt tal-larinġa u r-rotta u r-rata tad-degradazzjoni fil-ħamrija;</p> <p>(2) il-validazzjoni tal-punti tat-tmiem użati fil-valutazzjoni tar-riskju ekotossikoloġiku.</p> <p>L-applikant għandu jressaq dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' April 2016.</p>

(1) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport tal-analiżi.

ANNEX II

Fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, qed tiżdied l-entrata li ġejja:

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (*)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"56	Żejt tal-larinġ Nru tas-CAS 8028-48-6 (Estratt tal-larinġ) 5989-27-5 (D-limonene) Nru tas-CIPAC 902	(R)-4-isopropenil-1-metilcikloesan jew p-menta-1,8-dien	≥ 945 g/kg (ta' D-limonene) Is-sustanza attiva għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-Ph. Eur. (Pharmacopoeia Europea) 5.0 (Aurantii dulcis aetheroleum) u ISO 3140:2011(E)	l-1 ta' Mejju 2014	it-30 ta' April 2024	<p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-larinġ u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013.</p> <p>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal:</p> <p>(a) il-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema;</p> <p>(b) ir-riskju għall-għasafar u l-mammiferi.</p> <p>Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju.</p> <p>L-applikant għandu jressaq informazzjoni konfirmatorja fir-rigward tad-destin metaboliku taż-żejt tal-larinġa u r-rotta u r-rata tad-degradazzjoni fil-ħamrija u fir-rigward tal-validazzjoni tal-punti tat-tmiem użati fil-valutazzjoni tar-riskju ekotossikoloġiku.</p> <p>L-applikant għandu jressaq dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' April 2016."</p>

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport tal-analiżi.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1166/2013

tat-18 ta' Novembru 2013

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva diklorprop-P

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni alternattiva tal-Artikolu 21(3) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/74/KE ⁽²⁾ inkludiet id-diklorprop-P bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽³⁾, bil-kundizzjoni li l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw li n-notifikatur, li proprju fuq talba tiegħu d-diklorprop-P ġie inkluż f'dak l-Anness, jipprovdi aktar informazzjoni ta' konferma dwar il-metaboliżmu tal-annimali u l-valutazzjoni tar-riskju fuq espożizzjoni akuta u ta' medda qasira ta' żmien għall-għasafar u fuq espożizzjoni akuta għall-mammiferi erbivori.
- (2) Is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u jinsabu elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽⁴⁾.
- (3) In-notifikatur ressaq informazzjoni addizzjonali bil-għan li tiġi kkonfermata l-valutazzjoni tar-riskju għall-għasafar u l-mammiferi għall-użu fiċ-ċereali, il-bwar u l-uċuħ tar-raba' taż-żerriegħa tal-ħaxix lid-Danimarka, l-Istat Membru relatur, fil-perjodu ta' żmien previst li titressaq.
- (4) Id-Danimarka vvalutat l-informazzjoni addizzjonali mressqa min-notifikatur. Hija ressqet il-valutazzjoni

tagħha, fil-forma ta' addendum tal-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala "l-Awtorità", fit-22 ta' Lulju 2011.

- (5) Il-Kummissjoni kkonsultat l-Awtorità li ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-diklorprop-P fit-13 ta' Novembru 2012 ⁽⁵⁾.
- (6) Fid-dawl tal-informazzjoni addizzjonali pprovduta min-notifikatur, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-informazzjoni ulterjuri ta' konferma li kienet meħtieġa, ma ġietx ipprovduta kompletament u li ma setax jiġi eskluż ir-riskju għoli għall-għasafar u l-mammiferi ħlief billi jiġu imposti aktar restrizzjonijiet.
- (7) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikatur biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport tal-analiżi għad-diklorprop-P.
- (8) Huwa kkonfermat li s-sustanza attiva diklorprop-P trid titqies li ġiet approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Madankollu, sabiex titnaqqas l-espożizzjoni tal-għasafar u tal-mammiferi huwa xieraq li titkompla r-restrizzjoni tal-użi ta' din is-sustanza attiva u li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi għat-taffija tar-riskji għall-protezzjoni ta' dawn l-ispeċijiet.
- (9) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (10) L-Istati Membri għandhom jingħataw iż-żmien biex jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-diklorprop-P.
- (11) Fejn l-Istati Membri jagħtu xi perjodu ta' grazzja skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-diklorprop-P, dan il-perjodu għandu jiskadi sa mhux aktar tard minn sena wara l-irtirar jew l-emenda tal-awtorizzazzjoni rispettiva.
- (12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/74/KE tal-21 ta' Awwissu 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tad-diklorprop-P, il-metconazole, il-pyrimethanil u t-triclopyril bħala sustanzi attivi (ĠU L 235, 30.8.2006, p. 17).⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).⁽⁵⁾ EFSA Journal 2012; 10(11):2950. Disponibbli fuq l-Internet: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-diklorprop-P bħala sustanza attiva sad-9 ta' Ġunju 2014.

Artikolu 1

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE)
Nru 540/2011**

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Miżuri Tranżizzjonali

Fejn ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jemendaw jew jirtiraw

Artikolu 3

Perjodu ta' Grazzja

Kull perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi sa mhux iktar tard mid-9 ta' Ġunju 2015.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Il-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi" tar-ringiela 133, diklorprop-P, tal-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI A

Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida biss.

Fir-rigward taċ-ċereali, tista' tiġi awtorizzata biss l-applikazzjoni fir-rebbiegħa u frati li ma jaqbżux it-800 g tas-sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni.

L-użu fuq il-bwar ma għandux jiġi awtorizzat.

PARTI B

Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' revizzjoni dwar id-diklorprop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Mejju 2006.

F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari l-protezzjoni tal-għasafar, il-mammi-feri, l-organiżmi akkwatiċi u l-pjanti mhux fil-mira.

Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1167/2013**tat-18 ta' Novembru 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	46,1
	MA	40,6
	MK	55,3
	TR	116,2
	ZZ	64,6
0707 00 05	AL	45,1
	MK	57,9
	TR	126,2
	ZZ	76,4
0709 93 10	MA	86,2
	TR	152,0
	ZZ	119,1
0805 20 10	MA	80,7
	ZZ	80,7
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	78,7
	TR	69,3
	UY	56,3
	ZZ	68,1
0805 50 10	TR	71,5
	ZZ	71,5
0806 10 10	BR	245,1
	LB	251,9
	PE	258,8
	TR	163,3
	US	347,2
	ZZ	253,3
0808 10 80	BR	93,9
	CL	102,3
	MK	38,5
	NZ	93,9
	US	181,0
	ZA	200,2
0808 30 90	CN	57,5
	TR	128,9
	ZZ	93,2

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Lulju 2012

dwar il-miżura SA.23324 – C 25/07 (ex NN 26/07) – il-Finlandja Finavia, Airpro u Ryanair fl-ajruport ta' Tampere-Pirkkala

(notifikata bid-dokument C(2012) 5036)

(Il-verżjonijiet bil-Finlandiż u l-Isvediż biss huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/664/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ⁽¹⁾,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Fi Frar tal-2005 il-Kummissjoni rċeviet ilment minn Blue1 Oy ("Blue1"), linja tal-ajru Finlandiża li hija parti mill-Grupp SAS. Blue1 allegat fost l-oħrajn, li Ryanair LTD ("Ryanair") kienet qed tirċievi għajnuna permezz ta' impożiti tal-ajruport aktar baxxi mill-medja fl-ajruport ta' Tampere-Pirkkala ("l-ajruport ta' TMP" jew "l-ajruport")
- (2) Il-Kummissjoni bl-ittri tat-2 ta' Marzu 2005 u tat-23 ta' Mejju 2006 talbet lill-Finlandja biex tagħti aktar informazzjoni rigward l-iment. Il-Finlandja wiegħbet bl-ittri tas-27 ta' April 2005 u tas-27 ta' Lulju 2006.
- (3) Permezz tal-ittra bid-data tal-10 ta' Lulju 2007 il-Kummissjoni infurmat lill-Finlandja bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ⁽²⁾ (id-deċiżjoni tal-ftuħ) dwar il-ftehim bejn Airpro Oy u Ryanair u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz

⁽¹⁾ ĠU C 244, 18.10.2007, p. 13.

⁽²⁾ Mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru rispettivament l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi fis-sustanza. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom fejn suppost, jinftehm bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rispettivament. It-TFUE introduċa wkoll ċerti tibdiliet fit-terminoloġija, "Komunità" inbidlet għal "Unjoni" u "suq komuni" inbidlet għal "suq intern". It-terminoloġija tat-TFUE se tintuża tul din id-Deċiżjoni.

baxx minn Finavia u Airpro Oy fl-ajruport ta' TMP. Il-Finlandja tat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ nhar it-28 ta' Novembru 2007.

- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tibda l-proċedura kient ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.
- (5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar is-suġġett minn erba' partijiet interessati (Ryanair, il-Grupp SAS, Air France u l-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej). Dawn il-kummenti bagħtithom lill-Finlandja permezz tal-ittra tat-13 ta' Frar 2008. Il-Finlandja bagħtet il-kummenti tagħha fil-15 ta' April 2008.
- (6) Bl-ittra tal-25 ta' Ġunju, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni. Il-Finlandja wiegħbet bl-ittra tal-1 ta' Lulju 2010. Bl-ittra tal-5 ta' April 2011 il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni dwar l-iffinanzjar tal-ajruport. Il-Finlandja wiegħbet bl-ittra tal-5 ta' Mejju 2011. Madankollu t-tweġiba tal-Finlandja ma kinitx kompluta. Għaldaqstant il-Kummissjoni bagħtet tfakkira, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistipula r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ⁽⁴⁾. Il-Finlandja wiegħbet bl-ittra tal-15 ta' Ġunju 2011.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI U R-RAĠUNIJET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

2.1. Il-kuntest tal-investigazzjoni

L-ajruport ta' TMP

- (7) L-ajruport ta' TMP jinsab f'Pirkkala, 13-il kilometru fil-Lbiċ tal-belt ta' Tampere fin-Nofsinhar tal-Finlandja. Huwa t-tielet l-akbar ajruport fil-Finlandja (imkejjel skont in-numru tal-passiġġieri, ara t-tabella fil-paragrafu (10)). Minbarra li jiġġestixxi l-avjazzjoni ċivili, l-ajruport iservi ukoll ta' bażi għall-Forza tal-Ajru Finlandiża.

⁽³⁾ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 2.

⁽⁴⁾ ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

- (8) L-ajruport ta' TMP għandu żewġ terminali tal-passiġġieri skedati:

- Terminal 1 (jew "T1") inbena fl-1998 u bħalissa qed jintuża minn Finnair, Flybe, SAS, Blue1 u Air Baltic. Fl-2003 il-kapaċità ta' T1 kienet ta' 550 000 passiġġier fis-sena.
- Terminal 2 (jew "T2") fil-bidu kien jintuża bħala hangar għal-merkanzija minn DHL u (wara li ġie vakanti fl-2002) ġie mibdul għal terminal bi prezz baxx. T2 attwalment jaqdi lil Ryanair biss. Il-kapaċità ta' T2 hija ta' 425 000 passiġġier fis-sena.

- (9) L-ajruport ta' TMP, bl-eċċezzjoni ta' T2, huwa l-proprjeta ta' Finavia Oyj⁽⁵⁾ u operat minnha ("Finavia"). T2 jinkera minn Finavia lis-sussidjarja tagħha Airpro⁽⁶⁾ Oy ("Airpro"). Airpro topera t-terminal u ttiprovdi servizzi ta' ground handling hemmhekk. Barra minn hekk, Airpro għamlet ftehim ma' Ryanair [...] (*) li jibda mit-3 ta' April 2003.
- (10) It-trasport tal-passiġġieri fl-ajruport żdied minn 304 025 fl-2003 għal 617 397 fl-2010. Dan minħabba l-iżvilupp fin-numru tal-passiġġieri f'T2. Fl-2010, l-għadd ta' passiġġieri ta' Ryanair fl-ajruport ta' TMP ammonta għal madwar [...]. Din it-tabella tiġbor fil-qosor kif żviluppa l-għadd tal-passiġġieri fl-ajruport mill-2003 sal-2010:

Sena	L-għadd ta' passiġġieri f'T1	L-għadd ta' passiġġieri f'T2	L-għadd totali ta' passiġġieri fl-ajruport ta' TMP
2003	[...]	[...]	304 025
2004	[...]	[...]	495 892
2005	[...]	[...]	597 102
2006	[...]	[...]	632 010

- (⁵) Sal-aħħar tal-2009, Finavia Oyj (dik li qabel kienet magħrufa bħala l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Finlandiża) kienet intrapriża tal-Istat. Fl-1 ta' Jannar 2010 inbidlet għal kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata bl-Att 877/2009 dwar il-bidla tal-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili f'kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata. Timmaniġġja 25 ajruport fil-Finlandja. Tliet ajruporti Finlandiżi biss mhumiex ġestiti minn Finavia. Minbarra li topera ajruport Finlandiżi, Finavia ttiprovdi wkoll servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fl-ajruporti tagħha stess u hija responsabbli wkoll għas-sorveljanza tal-isparju tal-ajru Finlandiż. L-operazzjonijiet ta' proprjeta immobbli ta' Finavia huma ġestiti mis-sussidjarja tagħha Lentoasemakiinteistöt Oy. Din il-kumpanija toffri servizzi ta' faċilitajiet lil kumpaniji li joperaw fl-ajruport u topera bħala żviluppatur ta' proġetti tal-konstruzzjoni kif ukoll bħala sid tal-binjiet li jinsabu fl-ajruporti.
- (⁶) Airpro Oy hija sussidjarja li hija kollha kemm hi ta' Finavia (100 %). Hija tiżviluppa u ttiprovdi servizzi tal-ajruport u tal-ivvjaġġar fl-ajruporti ta' Finavia. Airpro għandha sussidjarja li ttiprovdi servizzi ta' ground handling li jisimha RTG Ground Handling Ltd.
- (*) Sigriet kummerċjali

Sena	L-għadd ta' passiġġieri f'T1	L-għadd ta' passiġġieri f'T2	L-għadd totali ta' passiġġieri fl-ajruport ta' TMP
2007	[...]	[...]	687 711
2008	[...]	[...]	709 356
2009	[...]	[...]	628 105
2010	[...]	[...]	617 397

2.2. Il-miżuri investigati u l-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni

- (11) Id-deċiżjoni tal-ftuħ qajmet dawn il-mistoqsijiet:

— l-ewwel nett jekk Finavia aġixxietx bħala investitur li jopera f'ekonomija tas-suq meta ddeċidiet li tikkonverti hanger tal-merkanzija f'T2, terminal bi prezz baxx, fliema każ din id-deċiżjoni ta' investment ma tinvolvi għajnu mill-Istat favur Airpro; u jekk le, jekk din l-għajnuana tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq intern; u

— it-tieni, jekk operatur f'ekonomija tas-suq kienx jidħol fi ftehim simili bħal dak ta' Airpro ma' Ryanair; u jekk le, jekk din l-għajnuana fil-ftehim tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.

- (12) Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, il-Kummissjoni għandha dubju jekk Finavia kinitx iggwidata mill-prospetti ta' profittabbiltà fuq żmien twil meta ddeċidiet li tiddel il-hanger tal-merkanzija f'terminal bi prezz baxx. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha dubju jekk l-investimenti magħmula minn Finavia biex tiddel dak li kien il-hanger tal-merkanzija f'terminal bi prezz baxx jistgħux ikunu kkunsidrati bħala vantaġġ silettiv favur Airpro li taħt kundizzjonijiet tas-suq normali hija kieku ma kinitx takkwistah.

- (13) Fir-rigward tat-tieni mistoqsija, il-Kummissjoni riedet teżamina jekk, f'dan il-każ partikolari, l-aġir ta' Airpro kienx iggwidat mill-prospetti ta' profittabbiltà fuq żmien twil, u jekk l-allegat vantaġġ mogħti lil Ryanair kienx vantaġġ li taħt kundizzjonijiet tas-suq hija ma kinitx takkwista. Il-Kummissjoni għandha dubju b'mod partikolari jekk "l-imposta li tinkludi kollox" imħallsa minn Ryanair kinitx ibbażata fuq kostijiet għall-forniment ta' servizzi lil-linja tal-ajru minn Airpro. Barra minn hekk, il-Finlandja ma pprovdiex lill-Kummissjoni la bil-kundizzjonijiet tal-ftehim ma' Ryanair u lanqas bil-pjan kummerċjali li jevalwa l-profittabbiltà tal-ftehim ma' Airpro. Għaldaqstant il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk l-aġir ta' Airpro kienx iggwidat mill-prospetti ta' profittabbiltà fuq żmien twil. Għaldaqstant, ma setax jiġi eskluż li l-ftehim ipprovda lil Ryanair b'vantaġġ li taħt kundizzjonijiet tas-suq normali hija kieku ma kienx ikollha.

- (14) Il-Kummissjoni għandha dubju jekk il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità kif stipulati fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jtilqu minn ajruporti reġjonali ⁽⁷⁾ (il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005) ġewx sodisfatti fil-każ preżenti, u jekk il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jistgħux jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

3. IL-KUMMENTI TAL-FINLANDJA

3.1. L-istrategġja ta' prezz baxx minn Finavia u Airpro fl-ajruport ta' TMP

- (15) Il-Finlandja bdiet l-osservazzjonijiet tagħha billi pprovdiet informazzjoni bażika dwar l-istrategġja ta' prezz baxx ta' Finavia u Airpro fl-ajruport ta' TMP. Il-Finlandja spjegat li T2 inbena fl-1979 għal użu temporanju bħala bini tal-ajruport. Fl-1995 ġie mibdul f'hanger tal-merkanzija li hu tajjeb għall-operazzjonijiet tal-merkanzija, u kien użat mid-DHL. Fl-2002 id-DHL temmet il-ftehim ta' kiri u t-terminal ġie vakanti.
- (16) Il-Finlandja indikat li, billi Finavia ma kinitx f'pożizzjoni li tħajjar operatur tal-merkanzija jmur Tampere jew li tikri l-hanger, iddeċidiet li tikkonverti l-hanger f'terminal bi prezz baxx tajjeb għas-servizzi ta' ground handling. L-ispejjeż inizzjali għall-bini ta' T2 sa dak iż-żmien kienu diġà ġew ddeprezzati u x-xogħlijiet għat-titjib tat-terminal kienu biss rinnovazzjonijiet minuri ⁽⁸⁾. It-tabella li ġejja tagħti l-ispiża ta' investiment għar-rinnovazzjoni ta' T2, li ammontat għal EUR 760 612.

Xogħolijiet ta' rinnovazzjoni	L-ispiża ta' investiment f'EUR
L-ippjanar	[...]
Kopji, permessi, vjaġġar	[...]
L-inġinerija tal-kostruzzjoni	[...]
It-tishin/il-pajpijiet/l-air-conditioning	[...]
L-elettriku	[...]
L-installazzjonijiet b'vultaġġ baxx	[...]
Ċinturini	[...]
Tagħmir tas-sigurtà għall-iskrinning	[...]
L-ammont totali	760 612

- (17) Quddiem il-kalkolu ta' hawn fuq il-Finlandja indikat li anki jekk Finavia kienet se tkun kapaċi ssib kerrej ieħor sabiex juża t-T2 bħala hanger tal-merkanzija, kien ikun neċessarju li tagħmel ċertu xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili li jammontaw għal madwar EUR 100 000. Barra minn hekk, iċ-ċinturini setgħu jintużaw dejjem f'ajruporti oħrajn ta' Finavia.
- (18) Il-Finlandja kompliet tispjega li l-intenzjoni ta' Finavia kienet li tagħmel disponibbli t-terminal bi prezz baxx għal-linji tal-ajru kollha li kienu lesti jaċċettaw servizz ta' kwalità inferjuri. It-tabella li ġejja tipprovdi paragon tal-livell ta' servizz u tal-faċilitajiet fit-T1 u t-T2 tal-ajruport ta' TMP:

	Terminal 1 (T1)	Terminal 2 (T2)
Il-mudell operattiv	Il-mudell tradizzjonali: operazzjonijiet ta-check-in, kontrolli tas-sigurtà, it-trasport, l-għażla, it-tagħbija u l-ħatt ta' bagalji li jseħħu minn gruppi professjonali u kumpaniji differenti	Il-mudell bi prezz baxx: FT1 l-istess persuni jagħmlu x-xogħol ta' gruppi professjonali differenti bħaċ-check-in, il-kontrolli tas-sigurtà, it-tagħbija u l-ħatt tal-bagalji. Il-ħidma sseħħ f'erja ristretta tat-terminal li teħtieġ biss persunal mill-anqas u tħaffef il-flussi tal-passiġġieri
Il-kapaċità tal-ground handling	Minn tlieta sa ħames (skont it-tip ta' ajruplan) tluġh jew inżul simultanji.	Ajruplan li jitlaq fis-sieġha
Faċilitajiet	Faċilitajiet li jipprovdu servizz tajjeb li jinkludi sistema sofistikata għat-trasport tal-bagalji, kmamar ta' stennija sbieħ bis-servizzi tagħhom, faċilitajiet li jakkomodaw il-bżonnijiet tad-diversi fornituri ta' ground handling, eċċ.	Faċilitajiet bażiċi li huma konformi primarjament mal-istandards tal-imħażen (pereż: art tal-konkrit), bi ftit twieqi biss.

⁽⁷⁾ ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1.

⁽⁸⁾ Ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni inkludew sala ta-check-in, faċilitajiet bħala uffiċċji, faċilitajiet ta' toilets u faċilitajiet għal passiġġieri li jkunu ħerġin u deħlin, faċilitajiet għall-kontrolli tas-sigurtà fuq il-persuni u għall-bagalji, kafetterija/restorant u r-rinnovazzjoni tal-elettriku, tal-pajpijiet, tas-sistemi ta' tisħin u air-conditioning kif ukoll modifikazzjonijiet fuq l-infrastruttura ta' barra t-terminal għan-nies u s-sewwieqa.

(19) Il-Finlandja indikat li peress li t-T2 seta' jipprovdi servizzi ta' ground handling għal ajruplan li jitlaq kull siegħa biss, kien tajjeb biss għal trasportaturi minn punt sa punt li jużaw inġenji tal-ajru kbar. Fl-istess waqt, sabiex l-persunal jintuża b'mod l-aktar effiċjenti, l-operatur tat-terminal hteġ li l-linji tal-ajru jagħmlu ftehimiet fuq medda ta' żmien twil kif ukoll ftehimiet fuq l-iskeda ta' żmien; pereżempju t-titjiriet ma setgħux joperaw dejjem fil-ħinijiet li l-linji tal-ajru jitolbu, kif kien il-każ tat-T1. Skont il-Finlandja, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-istaff u l-livelli ta' servizz ipprovduti ppermettew tnaqqis fl-ispejjeż ta' madwar [...] meta mqabbla ma' tat-T1.

(20) Il-Finlandja indikat li qabel ma bdiet ir-rinnovazzjoni tat-T2 u adottat l-istrateġija tal-prezz baxx hemm, il-kwis-tjoni kienet diskussa kemm-il darba waqt laqgħat tal-bord tad-diretturi ta' Finavia. Pjan kummerċjali ġie ppreparat għal dan il-għan. It-tabella li ġejja turi fil-qosor il-pjan kummerċjali (l-aġar tip ta' xenarju) għar-rinnovazzjoni tat-T2 u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz baxx. [...]

(21) Il-Finlandja indikat li l-pjan kummerċjali *ex ante* kien ibbażat fuq assunzjonijiet prudenti li jwasslu għas-sotto-valutazzjoni tad-dħul u stima eċċessiva tal-ispejjeż mistennija fl-aħħar snin tal-perjodu kkunsidrat. Taħt ix-xenarji l-oħrajn, l-istrateġija tal-prezz baxx kienet mistennija tagħmel aktar qligħ. L-imposti li jinkludu kollox, imħallsin mil-linji tal-ajru li jużaw it-T2, varjaw fix-xenarji differenti bejn [...] għal kull inġenju tal-ajru li tela' u niżel. Billi d-deċizzjoni dwar l-istrateġija ta' prezz baxx ittieħdet mill-bord tad-diretturi ta' Finavia abbażi ta' kalkoli u studji, ma kinitx attribwibbli għall-Istat. Il-miżuri ma kinux ir-riżultat ta' hteġġijiet jew ta' ordnijiet mill-awtoritajiet, u lanqas ma kienu l-awtoritajiet involuti fl-adozzjoni tal-miżuri.

(22) Il-Finlandja indikat li Finavia u Airpro operaw skont il-prinċipji kummerċjali u ffinanzjaw l-operazzjonijiet tagħhom mill-imposti tas-servizzi u d-dħul miġbura mingħand klijenti u operazzjonijiet oħra tan-negozju. B'mod partikolari la Finavia u lanqas Airpro ma rċevew fondi mill-baġit tal-Istat: operaw bi profitt, u ta' kull sena qasmi parti mill-profitt tagħhom mal-Istat skont ir-rekwiżiti tal-profitt imposti fuqhom.

(23) Il-Finlandja indikat li l-Ministeru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni ddeċieda fuq il-miri tal-prestazzjoni ta' Finavia. Dawn il-miri tal-prestazzjoni madankollu, jikkonċernaw il-grupp kollu kemm hu, u deċizzjonijiet kummerċjali individwali ttieħdu minn Finavia bid-diskrezzjoni tagħha. F'dawn l-aħħar ftit snin (mill-2003 sa 2005) ir-rekwiżit ta' profitt ta' Finavia kien bejn wieħed u ieħor 4 % tal-kapital investit. It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor il-prestazzjoni ta' Finavia:

Id-dejta finanzjarja ewlenija ta' Finavia f'miljuni ta' EUR (iċ-ċifri reali)

Sena	2003	2004	2005
Dħul	219	234	243
Profitt	17	15	22
Dividendi mħallsa lill-Istat	6	5	10

(24) Il-Finlandja indikat li Finavia ma ppreparatx dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-ajruport speċifiċi peress li l-ajruporti kollha tagħha kienu parti mill-istess entità legali. Madankollu sa mill-2000 Finavia xorta ġabret informazzjoni speċifika għall-ajruport abbażi tal-kalkoli interni tagħha (id-dejta reali). Din l-informazzjoni kienet ibbażata fuq it-tendenzi tal-volum tal-ajruport u d-dħul assoċjat kif ukoll fuq l-ispejjeż tar-riżorsi użati fl-ajruporti, jiġifieri l-persunal, is-servizzi b'kuntratt u d-deprezzament tal-assi fissi. Il-prestazzjoni ġenerali ta' Finavia fl-ajruport ta' TMP (minbarra s-servizzi pprovduti minn Airpro) hija mqassra fit-tabella li ġejja: [...]

(25) Minbarra l-operazzjonijiet kummerċjali, ir-riżultati finanzjarji ta' Finavia fl-ajruport ta' TMP inkludew ukoll operazzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-politika pubblika, bħall-kontroll tat-traffiku tal-ajru u l-użu tar-runway fl-ajruport ta' TMP għal skopijiet militari. Il-Finlandja spjegat li r-runway fl-ajruport ta' TMP kellha tkun disponibbli għal skopijiet militari 24 siegħa kuljum, 365 jum fis-sena. Ir-runway kienet effettivament użata għal skopijiet militari (mill-inqas 30 % tal-movimenti reali tal-inġenji tal-ajru fis-sena). L-ispiża tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru ammonta għal madwar [...]. Fiċ-ċifri ta' hawn fuq ġew ikkunsidrati l-kera mħallsa minn Airpro lil Finavia għall-użu ta' T2 u l-impost ta' nżul, kif ukoll imposti oħra tal-ajruport għas-servizzi pprovduti lil-linji tal-ajru li jużaw it-T2.

(26) Fir-rigward ta' Airpro, il-Finlandja kompliet tispjega li kienet kumpanija b'responsabbiltà limitata u legalment distinta minn Finavia. It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor ir-riżultati finanzjarji effettivi tal-operazzjonijiet ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP: [...]

(27) Ir-riżultati finanzjarji tal-ajruport ta' TMP inkludew spejjeż bħall-kiri tat-T2 fl-ajruport ta' TMP, l-ispejjeż ta' Airpro għal persunal u t-tagħmir kif ukoll l-ispejjeż għas-servizzi pprovduti minn Finavia. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji inkludew dħul, bħall-imposta li tinkludi kollox mħallsa minn Ryanair, it-tariffi tal-parkeġġ u dħul kummerċjali ieħor.

- (28) Għaldaqstant, il-Finlandja argumentat li Finavia u Airpro aġixxew bħala investituri li joperaw f'ekonomija tas-suq meta ddeċidew li jimplementaw l-istrateġija ta' prezz baxx u jibdlu l-hanger tal-merkanzija f'terminal bi prezz baxx għall-passiġġieri.
- (29) Il-Finlandja argumentat li anki kieku l-iffinanzjar għar-rinnovazzjoni tat-T2 kien ikkunsidrat bħala għajnunna mill-Istat, kien ikun kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, billi żamm mal-kriterju tal-kompatibilità stabbilit fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.
- (30) Il-Finlandja kompliet targumenta li l-miżuri jistgħu jiġu kkunsidrati li jilhqgħu l-oġġettivi ta' interess ġenerali, li fil-fehma tagħha kienu jirrigwardaw mhux biss in-natura ta' interess ġenerali tal-operazzjonijiet tal-ajruport, iżda wkoll id-diversifikazzjoni tal-konnessjonijiet tat-traffiku fir-reġjun b'tali mod li ntlaħqu l-bżonnijiet tar-residenti u tas-soċjetà. Skont il-Finlandja għalhekk, l-alterazzjonijiet f'T2 kienu proporzjonali għall-iskop tagħhom u għar-riżultat millhuq.
- (31) Barra minn hekk, il-Finlandja ddikjarat li l-operazzjonijiet tal-ajruporti kellhom karatteristiċi speċjali li kellhom jittieħdu inkonsiderazzjoni. Pereżempju l-ajruport ta' TMP għen biex titjeb il-mobbiltà f'ajruporti fejn kien hemm aktar konġestjoni, f'konformità mal-għan tal-Unjoni. It-tħaddim tal-ajruport ta' TMP ikkontribwixxa għal żvilupp reġjonali bbilanċjat f'pajjiż b'popolazzjoni baxxa u mifruxa bħall-Finlandja. F'dan ir-rigward, kien partikolarment importanti li jiġu ssalvagwardjati l-konnessjonijiet tat-traffiku mir-reġjuni l-aktar remoti tal-Finlandja għall-Ewropa, għaladarba forom oħra ta' trasport ma kinux alternattiva vijabbli. L-ispejjeż li ntefqu għall-bini tat-terminal kienu proporzjonali għall-iskop kif ukoll neċessarji. Abbażi tal-pjanijiet kummerċjali u ċ-ċifri reali, l-infrastruttura inkwisjoni kellha prospetti suffiċjenti fuq żmien medju għall-użu. It-T2 kien miftuħ għal-linji tal-ajru kollha b'mod ġust u mhux diskriminatorju. S'issa madankollu, l-ebda linja tal-ajru h'ief Ryanair ma wrew interress fiha.
- (32) Skont il-Finlandja, l-infrastruttura inkwistjoni ma affettwatx il-kummerċ b'tali mod li tmur kontra l-interessi tal-Unjoni. L-ajruport ta' TMP kien żgħir u għalhekk l-impatt tal-miżuri f'livell ta' Unjoni ma kienx sinifikanti. Barra minn hekk, il-benefiċċji tal-miżuri għar-reġjun kienu jgħlbu kull impatt negattiv f'livell ta' Unjoni.
- 3.2. Il-ftehim ta' kiri għat-T2 fl-ajruport ta' TMP bejn Finavia u Airpro**
- (33) Il-Finlandja indikat li fit-23 ta' Frar 2003 Finavia kkonkludiet ftehim ta' kiri ma' Airpro rigward it-T2 għall-perjodu bejn l-1 ta' April 2003 u l-31 ta' Marzu 2013 (imsejjaħ ukoll "il-ftehim ta' kiri"). Anki jekk Finavia oriġinarjament ħallset għall-ispejjeż tar-rinnovazzjoni, Airpro se tirrimborża lil Finavia għal dawn l-ispejjeż fil-kera tagħha. Il-Finlandja pprovdiet ukoll kopja tal-ftehim ta' kiri.
- (34) Skont il-ftehim ta' kiri, Airpro tħallas kera ta' kull xahar li tammonta għal [...] bi [...] Vat għall-użu tal-faċilitajiet. Għaldaqstant il-kera li tinkludi l-VAT tammonta għal [...] fix-xahar. Il-ftehim jistipula li minbarra l-kera bażika, il-kera tinkludi l-ispejjeż li saru sabiex il-hangar tal-merkanzija tiddel f'terminal bi prezz baxx għall-passiġġieri, kif ukoll l-imgħax relatat.
- (35) Il-Finlandja indikat waqt li kienet qed tikkonkludi l-ftehim ta' kiri li t-tibdil f'T2 kien għadu għaddej u l-ispejjeż ta' rinnovazzjoni tat-terminal kellhom jiġu stmati sabiex ikun jista' jiġi determinat l-ammont ta' kera. L-ispejjeż ġew stmati li jiswew EUR 700 000 u l-impatt tagħhom fix-xahar fuq il-kera kien mistenni li jkun bejn wieħed u ieħor [...]. Minbarra l-ispejjeż stmati għar-rinnovazzjoni, Finavia stmat li l-ispejjeż għal xogħlijiet addizzjonali u arranġamenti li saru wara li l-operazzjonijiet bdew f'T2, se jkunu bejn wieħed u ieħor [...] u l-impatt tagħhom fix-xahar fuq il-kera se jkun [...]. Skont il-kalkoli t'hawn fuq, Airpro kkumpensat lil Finavia għall-ispejjeż li għamlet f'alterazzjonijiet f'T2 b'kera fix-xahar li tammonta għal [...].
- (36) Il-Finlandja argumentat li l-kera fix-xahar mħallsa minn Airpro ma kinix taħt il-prezz tas-suq. Il-kera mħallsa minn Airpro kienet fil-fatt ogħla mill-kera mħallsa minn DHL, il-kerrej ta' qabel. DHL kienet tħallas kera fix-xahar li tammonta għal [...] mingħajr il-VAT għall-użu tal-faċilitajiet, li tikkorrispondi għal madwar [...] ⁽⁹⁾. Il-parti tal-VAT ammontat għal [...], għalhekk il-kera totali fix-xahar inkluża l-VAT kienet [...], li kkorrispondiet għal madwar [...].
- (37) Il-Finlandja kompliet tinnota li mingħajr l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezzijiet baxxi u l-bidla tal-hanger tal-merkanzija f'terminal bi prezz baxx, it-T2 seta' baqa' vojta. Dan kien ikun ta' piż fuq il-finanzi tal-ajruport ta' TMP.

⁽⁹⁾ Ir-rata tal-kambju tal-ewro kif ġie deċiż fil-31 ta' Diċembru 1998: FIM 5.94573.

3.3. L-implimentazzjoni tal-istrategġija ta' prezz baxx minn Airpro u l-ftehim tat-3 ta' April 2003 bejn Airpro u Ryanair.

- (38) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrategġija ta' prezz baxx minn Airpro, il-Finlandja spjegat li d-diskussjonijiet mal-linji tal-ajru kienu bdew qabel. Pereżempju kien hemm diskussjonijiet għaddejjin ma' Ryanair għal ftit snin qabel ma ttehdet id-deċiżjoni biex tiġi implimentata l-istrategġija ta' prezzijiet baxxi fl-ajruport ta' TMP.
- (39) Skont il-Finlandja l-ittra mibgħuta minn Airpro lil għadd ta' linji tal-ajru li tistedinhom biex jikkunsidraw jibdeu l-operazzjonijiet tagħhom fit-terminal bi prezz baxx kienet biss parti waħda mill-istrategġija kummerċjali għat-T2. It-T2 fl-ajruport ta' TMP kien irriklamat b'mod attiv fil-fiera kummerċjali ta' Routes⁽¹⁰⁾ għal bosta snin sa mill-2002. Kien meqjus li l-linji tal-ajru, apparti Ryanair, kienu jkunu wkoll interessati jistabbilixxu l-operat tagħhom f'dan it-terminal.
- (40) Il-Finlandja pprovdiet kopja tal-ittra ta' kummerċjalizzazzjoni. L-ittra indikat l-imposti applikabbli fit-T2, bħall-imposta għall-ground handling u l-użu tat-terminal, liema ammont jiddependi fuq it-tip ta' inġenju tal-ajru użat. Minbarra l-imposti applikabbli għat-T2, il-linji tal-ajru jridu jħallsu l-imposti normali għall-inżul, għan-navigazzjoni fit-terminal u dawk tas-sigurtà.
- (41) Il-Finlandja pprovdiet kopja tal-ftehim millhuq bejn Airpro u Ryanair fit-3 ta' April 2003 ("il-ftehim"), li huwa validu għall-perjodu [...]. Il-ftehim jistipula l-kundizzjonijiet finanzjarji u tal-operat li skonthom Ryanair trid tistabbilixxi u topera titjiriet kummerċjali lejn u minn it-T2 fl-ajruport ta' TMP. Il-ftehim daħal fis-seħħ fil-jum ta' wara li ġie ffirmat dan il-ftehim (jiġifieri fl-4 ta' April 2003) u se jispiċċa fi [...].
- (42) Għas-servizzi pprovduti fl-ajruport ta' TMP, Ryanair għandha tħallas imposta unika għal kull inġenju tal-ajru li jitla' u jinżel (it-tluq u l-wasla), jiġifieri mill-4 ta' April 2003 imposta li tinkludi kollox għal kull inġenju tal-ajru B737-800 jew varjant ieħor tal-B737 b'MTOW⁽¹¹⁾ massimu ta' 67 000 kg. Din l-imposta tinkludi l-imposta tat-tluq u l-inżul, l-imposti tad-dawl, it-tariffi tal-istorbju u ta' bil-lejl, l-imposta għan-navigazzjoni fit-terminal u t-tariffi tal-immuniġġar tal-passiġġieri u tar-rampa inklużi t-tariffi għas-sigurtà u għas-sikurezza kif ukoll l-imposta tal-passiġġieri
- (43) Kif miġbur fil-qosor fit-tabelli t'hawn taħt, l-imposta li tinkludi kollox tiddependi fuq kemm Ryanair jiffrekwenta kuljum l-ajruport u fuq is-sena tal-ftehim: [...]
- (44) Fil-ftehim, Ryanair tikkommetti ruħha li tibda operazzjonijiet fl-ajruport ta' TMP b' [...] tluq u nżul ta' kuljum. Barra minn hekk Ryanair taqbel li tagħti notifika ta' [...] għal tnaqqis fl-għadd ta' tluq u nżul fl-ajruport.
- (45) [...]
- (46) Skont il-ftehim, Ryanair hija mistenija li tattira bejn wieħed u ieħor [...] passiġġier li jitlaq mill-ajruport ta' TMP matul l-ewwel 12-il xahar, u madwar [...] passiġġier li jitlaq fit-12-il xahar ta' wara.
- (47) Skont il-ftehim, it-T2 fl-ajruport ta' TMP għandu l-kapaċità massima ta' tluq u nżul wieħed fis-siegħa bejn is-7:00 u 24:00. Ryanair u Airpro se jiftiehm minn qabel dwar l-iskedi tat-titjiriet.
- (48) Airpro se topera servizz tal-għajnuna għall-passiġġieri f'post prominenti fit-terminal (T1) prinċipali tal-ajruport u se tipprovi faċilità għall-prenotazzjoni lill-passiġġieri ta' Ryanair. Skont il-ftehim, Ryanair tagħti ħlas lil Airpro bir-rata ta' [...] għat-titjiriet kollha ta' Ryanair (mingħajr it-taxxi, it-tariffi u imposti oħrajn) mibjugħin minn Airpro u mħallsin b'karta ta' debitu/kreditu.
- (49) Il-ftehim jipprovi wkoll arranġamenti għal waqt il-manutenzjoni meħtieġa tar-runway fl-ajruport ta' TMP matul is-sajf tal-2003, meta l-ajruport ikun magħluq għat-traffiku kollu. Matul dan il-perjodu t-traffiku tal-ajruport ta' TMP se jkun iddevjat lejn l-ajruport ta' Pori, u Airpro se tieħu ħsieb it-trasport bix-xarabank tal-passiġġieri ta' Ryanair.
- (50) Skont il-Finlandja l-ftehim bejn Airpro u Ryanair kien fuq termini kummerċjali u ma kienx jinvolvi għajnuna mill-Istat. Linji tal-ajru oħrajn kellhom ukoll il-possibilità li jagħmlu ftehim ma' Airpro b'termini u kundizzjonijiet kuntrattwali simili għal dawk li ġab Ryanair. Pereżempju

⁽¹⁰⁾ Il-fiera kummerċjali ta' Routes hija fiera annwali għall-bejgħ ta' rotot tal-ajru, għat-trasportaturi tal-ajru u għall-ajruporti.

⁽¹¹⁾ Il-piż massimu ċċertifikat għat-tluq (MTOW) ta' inġenju tal-ajru huwa l-piż massimu li l-pilota tal-inġenju tal-ajru jista' bih jipprova jitla', minħabba limiti strutturali u oħrajn. Fi kliem ieħor l-MTOW huwa l-itqal piż li bih l-inġenju tal-ajru ġie muri li jista' jilħaq ir-rekwiżiti kollha biex ikun ajrunavigabbli.

l-fuljett għall-promozzjoni *The Case for Tampere-Pirkkala Airport*, li ġie ppreparat għall-fiera kummerċjali tal-2004, enfasizza l-fatt li t-T2 kien miftuħ għall-operaturi kollha, għax dak iż-żmien it-terminal kien għad jiflaħ jieħu żewġ linji tal-ajru oħrajn.

(51) Il-Finlandja kompliet tikkunsidra li l-imposti mħallsin minn Ryanair fl-ajruport ta' TMP kienu abbażi tal-ispejjeż, u ġġeneraw profitt għal operazzjonijiet ta' Airpro u Finavia fl-ajruport ta' TMP. Airpro ġabret imposti minn Ryanair għas-servizzi li pprovdiet kif ukoll għas-servizzi pprovduti minn Finavia. Airpro sussegwentement ħallset l-imposti lil Finavia li rriżultaw minn operazzjonijiet ta' Ryanair fl-ajruport skont il-Pubblikazzjoni dwar l-Informazzjoni Ajrunawtika ta' Finavia ("AIP")⁽¹²⁾. Kull differenza fl-imposti kienet abbażi tan-natura u l-iskala tas-servizzi kkonċernati.

(52) Il-Finlandja indikat li l-linji kollha tal-ajru li jużaw l-ajruport ta' TMP kienu jħallsu l-istess imposti għal servizzi tal-istess kwalità. Pereżempju, l-imposta tal-passiġġieri miġbura għas-servizzi pprovduti fit-T2 iddependiet fuq il-kwalità tas-servizzi pprovduti fit-terminal. La Finavia u lanqas Airpro ma kellhom sehem fil-ġbir tal-imposta fuq is-servizz ta' għajnuna għall-passiġġieri mmarrat fuq il-biljett tal-ajru ta' Ryanair, li Ryanair ġabret mingħand il-passiġġieri tagħha. Kuntrarju għall-allegazzjonijiet ta' Blue1, Ryanair ma kinitx eżentata milli tħallas l-imposta tal-passiġġieri. Il-fatt li l-operazzjonijiet ta' Airpro fit-T2 iġġeneraw profit kienet prova li Ryanair kellha tħallas imposta għas-servizzi pprovduti minn Airpro.

(53) Finavia ġabret dawn l-imposti mingħand Ryanair permezz ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP li ammontaw għal [...] b'kollox.

— imposta għall-inżul⁽¹³⁾: [...]

— imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru: [...]

(54) Fir-rigward tal-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru l-Finlandja ddikjarat li dawn jiddependu fuq il-piż tal-inġenju tal-ajru, it-tul tat-titjira u l-kontenut tas-servizzi użati. Il-profitti ta' Finavia inkludew ukoll imposta

⁽¹²⁾ Skont il-Finlandja, il-Pubblikazzjoni dwar l-Informazzjoni Ajrunawtika tal-Finlandja hija ppreparata skont l-Anness 15 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Manwal Ajrunawtiku dwar is-Servizzi tal-Informazzjoni (ICAO Doc 8126). It-taqsima ġenerali tal-Pubblikazzjoni dwar l-Informazzjoni Ajrunawtika titratta wkoll l-imposti tat-traffiku tal-ajru ta' Finavia.

⁽¹³⁾ Dejjem jekk l-MTOW tal-inġenju tal-ajru huwa ta' 69 900 kg.

annwali għar-rotta⁽¹⁴⁾ li ammontat għal madwar [...] fl-2006 u li kienet tiżdied mal-frekwenzi addizzjonali operati minn Ryanair.

(55) Il-Finlandja kompliet tispjega li fl-2005 il-benefiċċju tal-operat mill-operazzjonijiet ta' Ryanair fl-ajruport ta' TMP ammontaw għal [...]. Fl-aħħar nett, il-Finlandja argumentat li skont il-ftehim, Ryanair ikkommettiet ruħha wkoll li żżid it-traffiku u li tilħaq il-miri indikati tal-passiġġieri li hemm fil-ftehim.

4. OSSERVAZZJONIJIET MINN PARTIJIET TERZI

(56) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet minn erba' partijiet interessati.

4.1. Ryanair

(57) Ryanair bdiet l-osservazzjonijiet tagħha bid-data tas-16 ta' Novembru 2007 billi ddikjarat li fl-opinjoni tagħha proċedura ta' investigazzjoni formali ma kinitx ġusta u neċessarja. Iddikjarat ukoll li hija ddiżappuntata li l-Kummissjoni ma tatx lil Ryanair il-possibilità li tipparteċipa fl-eżami preliminari.

(58) Dwar il-mertu tal-kwistjoni, Ryanair kienet tal-opinjoni li l-Kummissjoni kien imissha bbażat ruħha fuq l-arranġamenti kummerċjali standard u ddeċidiet li l-ftehim kien konformi mal-prinċipju ta' operatur f'ekonomija tas-suq, u għaldaqstant ma kienx hemm għajnuna mill-Istat. Billi fl-opinjoni ta' Ryanair kemm Finavia kif ukoll Airpro bbenefikaw mill-preżenza tagħha fl-ajruport ta' TMP, it-tnejn li huma kienu qed jaġixxu bħala operaturi f'ekonomija tas-suq, u l-finanzjament tat-T2 ma kien hemm fih l-ebda għajnuna.

(59) Fir-rigward tal-iżvilupp tat-terminal bi prezz baxx fl-ajruport ta' TMP, Ryanair spjegat li kien hemm proġetti li kienu għadhom għaddejnin biex jiddifferenzjaw servizzi pprovduti minn ajruporti fl-Unjoni sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-linji tal-ajru bi prezz baxx u l-passiġġieri tagħhom. Il-livell differenzjat ta' servizzi pprovdut mill-ajruporti rriżulta f'imposti differenzjati li jitħallsu mil-linji tal-ajru. L-ajruport ta' TMP kien wieħed minn tal-ewwel li segwa l-mudell ta' livelli differenzjati ta' servizz fl-istess ajruport. Ryanair ikkonfermat li l-operatur tal-ajruport Finavia ddeċieda li jiżviluppa t-T2 abbażi ta' pjan kummerċjali sod li kien implimentat malajr u li bħala riżultat żied id-dħul ta' Finavia. Għaldaqstant Ryanair kienet tal-opinjoni li l-iżvilupp ta' terminal bi prezz baxx ma kien fih l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat għall-attività ta' Finavia fl-ajruport ta' TMP.

⁽¹⁴⁾ Din l-imposta tinġabar mill-Eurocontrol u titthallas lil Finavia.

- (60) Rigward il-ġestjoni ta' T2, Ryanair spjegat li l-kompetizzjoni bejn it-terminali fl-istess ajruport irriżultat f'effiċjenza aħjar u spejjeż aktar baxxi. Fil-fehma ta' Ryanair, l-istandards ogħla ta' effiċjenza fit-T2 tejbju l-effiċjenza tat-T1 għall-benefiċċju tal-linji tal-ajru kollha li jużaw l-ajruport. Sa fejn taf Ryanair, Airpro kienet qed tikri t-terminal b'termini kummerċjali. Finavia kompliet tibbenefika minn żieda fit-traffiku tal-ajruport u minn żieda fid-dħul mill-imposti fuq l-inżul u l-kontroll tat-traffiku tal-ajru. Għaldaqstant, fil-fehma ta' Ryanair l-ebda għajnunna mill-Istat ma kienet involuta fil-ftehimiet kummerċjali bejn Finavia u Airpro fir-rigward tal-ġestjoni tat-T2.
- (61) Fir-rigward tal-ftehim milħuq bejn Ryanair u Airpro, Ryanair l-ewwel iddikjarat li l-mudell kummerċjali kien ibbażat fuq iż-żieda tal-effiċjenza, li ġiet mgħoddija lill-passiġġieri fil-forma ta' tariffi tal-ajru aktar baxxi. It-tariffa li tinkludi kollox mħallsa fl-ajruport ta' TMP inkludiet l-imposti kollha applikabbli għal-linji tal-ajru fl-ajruport. L-imposti differenzjati għall-użu fit-T2 kienu ġġustifikati bil-livell ta' servizz ipprovdut. Fir-rigward ta' skont fuq l-imposti tal-ajruport relatati ma' żieda fil-frekwenzi, Ryanair argumentat li dan kien aġir kummerċjali normali applikat fl-industrija kollha. Ħafna mill-kundizzjonijiet tal-ftehim tat-T2 bejn Ryanair u Airpro kienu ġeneralment applikabbli għal-linji tal-ajru kollha li kienu disposti li jtiru mit-T2. Għalhekk Ryanair kienet tal-opinjoni li l-ftehim tagħha ma' Airpro ma kienx selettiv. Ryanair kompliet targumenta li kemm Finavia kif ukoll Airpro bbenefikaw mill-preżenza tagħha fl-ajruport ta' TMP.

4.2. Il-Grupp SAS

- (62) Il-Grupp SAS ta l-kummenti tiegħu permezz tal-ittra tas-16 ta' Novembru 2007. Il-Grupp SAS indika li l-kummenti tiegħu ffukaw fuq ir-rabta bejn Finavia u Airpro, l-ispejjeż sabiex jiġi kkonvertit it-T2, u t-trattament ippreferut li għandha Ryanair fl-ajruport ta' TMP.
- (63) Fir-rigward tar-rabta bejn Finavia u Airpro, il-Grupp SAS iddikjara li d-direttur maniġerjali fl-ajruport ta' TMP kien membru tal-bord tad-diretturi ta' Airpro meta Finavia ddeċidiet li tikri t-T2 lil Airpro. Barra minn hekk, ir-rabta mill-qrib bejn Finavia u Airpro kienet evidenti fil-pubblikazzjoni *Tampere-Pirkkala Airport Finland's Future-Ready Airport*.
- (64) Il-Grupp SAS argumenta li Finavia kienet qiegħda tissusidja b'mod trasversali lil T2 bid-dħul minn T1. Il-Grupp SAS kien b'mod partikolari tal-opinjoni li l-ebda imposta

tal-passiġġieri ma tħallset f'T2. Barra minn hekk, Airpro amministrat il-parkeġġ tal-karozzi li jinsab barra T2 u żammet id-dħul iġġenerat mill-parkeġġ tal-karozzi. It-tariffi tal-parkeġġ tal-karozzi ma' ġenb T2 kienu d-doppji ta' dawk f'T1.

- (65) Fir-rigward tal-ispejjeż għas-servizzi f'T2, il-Grupp SAS argumenta li l-Finlandja ma tatux aċċess għal din l-informazzjoni. Il-Grupp SAS ma kellux informazzjoni jekk T2 jew l-ajruport ta' TMP kinux profittabbli, u jekk Airpro hallsix għall-infrastruttura mogħtija minn Finavia. Pereżempju Finavia akkwistat tagħmir tas-sigurtà għall-iskrinjar għal T2. Il-Grupp SAS iddikjara li skont Finland u Airpro l-livell tal-prezz f'T2 kien relatat mal-livell tas-servizzi. Il-Grupp SAS argumenta li l-livell ta' servizzi kien normalment ibbażat fuq il-kunċett ta' ground handling u mhux fuq l-ispaceju jew il-faċilitajiet disponibbli.
- (66) Il-Grupp SAS kompli jargumenta li l-arranġamenti li jikkonċernaw T2 fl-ajruport ta' TMP iffavorixxew mudell kummerċjali wieħed u kienu jmorru kontra l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

4.3. Air France

- (67) AirFrance tat il-kummenti tagħha bl-ittra tas-16 ta' Novembru 2007. Air France bdiet billi tispjega l-qagħda kummerċjali tagħha fil-Finlandja. Fil-Finlandja, Air France ma operatx servizzi minn u lejn l-ajruport ta' TMP. Madankollu operat ħames frekwenzi ta' kuljum bejn l-ajruport ta' Charles de Gaulle f'Pariġi u l-ajruport ta' Helsinki (li jinsab madwar 180 kilometru 'l bogħod mill-ajruport ta' TMP) permezz ta' arranġament dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi ma' Finnair.
- (68) Air France qalet li tapprova l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 u l-valutazzjoni preliminari mwettqa mill-Kummissjoni rigward l-arranġament finanzjarju fl-ajruport ta' TMP. B'mod partikolari Air France kienet tal-opinjoni li l-eżenzjoni mill-pagament tat-tariffa tal-passiġġieri tat benefiċċju lil Ryanair u kienet b'mod ċar ta' natura diskriminatorja, u għalhekk ma għandiex tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq intern.

4.4. L-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej

- (69) L-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej ("AEA") tat il-kummenti tagħha fl-ittra tas-16 ta' Novembru 2007. Il-kummenti tal-AEA kienu kollha kemm huma fuq l-istess linja tal-Grupp SAS u ta' Air France.

5. IL-KUMMENTI TAL-FINLANDJA DWAR IL-KUMMENTI TA' PARTIJET TERZI

- (70) Il-Finlandja rċeviet kummenti mingħand erba' partijiet interessati.
- (71) Fir-rigward tal-kummenti ta' Ryanair, il-Finlandja osservat li l-linja tal-ajru kkummentat kemm fuq l-iżviluppi ġenerali fis-suq tal-avjazzjoni fl-Ewropa kif ukoll fuq l-iżviluppi fl-ajruport ta' TMP. Rigward dawn l-aspetti, il-Finlandja rreferiet għall-osservazzjonijiet bikrija tagħha mressqa wara l-ftuħ tal-proċedura formali ta' investigazzjoni.
- (72) Il-Finlandja osservat li l-kummenti tal-Grupp SAS qajmu kwistjonijiet ġodda li kellhom jiġu ċċarati. Il-Finlandja ddikjarat li, kif diġà kienet indikat, Airpro kienet kumpanija legalment differenti u ma bbenefikat minn ebda għaj-nuna minn għand is-sid tagħha Finavia.
- (73) Il-Finlandja indikat li d-direttur maniġerjali tal-ajruport ta' TMP ma kienx membru tal-bord tad-diretturi ta' Airpro meta l-ftehim ta' kiri ġie ffirmat. Id-direttur maniġerjali tal-ajruport ta' TMP kien fil-bord tad-diretturi ta' Airpro minn Mejju 2003 sa April 2007 biss. Rigward il-pubblikazzjoni għall-promozzjoni tal-ajruport ta' TMP u l-istrategġija ta' prezz baxx tiegħu, il-Finlandja argumentat li operazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni bħal dawn ma setgħux jippreġudikaw ir-rabiet ekonomiċi u legali bejn il-kumpaniji kkonċernati. Il-Grupp SAS li opera minn T1 fl-ajruport ta' TMP ma kienx imsemmi fil-pubblikazzjoni, għaliex il-pubblikazzjoni kellha l-għan li tippromwovi l-istrategġija ta' prezz baxx tal-ajruport ta' TMP.
- (74) Rigward l-allegazzjonijiet tal-Grupp SAS dwar il-possibilità ta' sussidju trasversali bejn T2 u T1 fl-ajruport ta' TMP, il-Finlandja ddikjarat li kienet diġà tat prova li l-operazzjonijiet ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP kienu profittabbli u li Airpro ma rċeviet l-ebda sussidju minn Finavia.
- (75) Rigward l-aġġustamenti differenti fl-infrastruttura relatati mar-rinnovazzjoni ta' T2, il-Finlandja indikat li l-keramhallsa minn Airpro lil Finavia kopriet dawn l-ispejjeż kif ukoll l-imgħax. Fir-rigward tax-xiri tat-tagħmir ta' sigurtà għall-iskrinjar għal T2 minn Finavia, il-Finlandja indikat li dawn l-ispejjeż kienu jinsabu fil-keramhallsa. Il-parkeġġ tal-karozzi ma' ġenb T2 kien parti miż-żona mikrija lil Airpro. Airpro kienet libera tistipula t-tariffi, dejjem jekk kienet se tagħmel dan b'mod trasparenti.

- (76) Rigward l-allegazzjonijiet ta' SAS dwar il-prezzijiet differenzjati fit-T2 tal-ajruport ta' TMP, il-Finlandja għamlet referenza għall-kummenti tagħha fil-ftuħ tal-proċedura.

6. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA

- (77) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistipula li "kwalunkwe għaj-nuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tgħawweġ jew thedded il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti tkun, jekk taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, inkompatibbli mas-suq intern".
- (78) Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) huma kumulattivi. Miżura tkun tikkostitwixxi għaj-nuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu kollha biss. L-għaj-nuna finanzjarja trid:
- tkun mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi mill-Istat;
 - tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti;
 - tgħawweġ jew thedded il-kompetizzjoni; u
 - taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1. L-arranġamenti finanzjarji sabiex tiġi implimentata l-istrategġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP tikkostitwixxi għaj-nuna mill-Istat?

- (79) Meta jiġi vvalutat jekk kienx hemm xi komponent ta' għaj-nuna fl-arranġamenti finanzjarji relatati mal-istrategġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP, b'mod partikolari rigward it-tibdil tal-hangar tal-merkanzija fterminal bi prezz baxx u l-ftehim sussegwenti ta' kiri ma' Airpro, il-Kummissjoni trid teżamina jekk f'ċirkustanzi simili investitur li jopera f'ekonomija tas-suq kienx jidħol fl-istess arranġamenti kummerċjali jew simili, bħal Finavia⁽¹⁵⁾.

⁽¹⁵⁾ Sabiex twestaq il-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni ordnat studju minn Ecorys ("l-espert tal-Kummissjoni"). L-espert tal-Kummissjoni analizza d-dejta finanzjarja u l-assunzjonijiet abbażi tal-pjan kummerċjali għall-istrategġija ta' prezz baxx ta' Finavia u Airpro, il-ftehim ta' kiri bejn Finavia u Airpro għall-operat ta' T2, u l-ftehim.

- (80) Skont il-prinċipji stabbiliti fil-każistika, il-Kummissjoni trid tqabbel il-komportament ta' Finavia ma' dak ta' investitur li jopera f'ekonomija tas-suq li jista' jkun iggwidat mill-prospetti ta' profittabbiltà fuq żmien twil⁽¹⁶⁾. Barra minn hekk, skont is-sentenza ta' *Charleroi*⁽¹⁷⁾, meta jiġu vvalutati l-miżuri inkwistjoni l-Kummissjoni trid tqis il-karatteristiċi rilevanti tal-miżuri u l-kuntest tagħhom. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni trid tanalizza d-deċiżjoni ta' Finavia biex tirrinova l-hanger tal-merkanzija fl-ajruport ta' TMP u l-implimentazzjoni ppjanata tal-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP minn Airpro abbażi tal-approċċ integrat li jqis il-karatteristiċi kollha tal-miżuri inkwistjoni.
- (81) Il-qorti ddikjarat fis-Sentenza *Stardust Marine* li, "[...] sabiex ikun eżaminat jekk l-Istat adottax jew le l-kondotta ta' investitur prudenti li jopera f'ekonomija tas-suq, huwa neċessarju li wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-kuntest tal-perjodu li fih il-miżuri ta' appoġġ finanzjarju ttieħdu sabiex tiġi vvalutata r-razzjonalità ekonomika tal-kondotta tal-Istat, u għaldaqstant m'għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni bbażata fuq sitwazzjoni aktar reċenti"⁽¹⁸⁾.
- (82) Sabiex ikun jista' jiġi applikat it-test ta' investitur li jopera f'ekonomija tas-suq il-Kummissjoni trid tpoġġi lilha nfisha fil-kuntest tal-perjodu meta Finavia ħadet id-deċiżjoni li tirrinova l-hanger tal-merkanzija vakanti u sussegwentement li tikrih lil Airpro, jiġifieri l-bidu tal-2003. Il-Kummissjoni trid tibbaża wkoll il-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u l-assunzjonijiet li kienu fid-dispożizzjoni tal-operatur meta d-deċiżjonijiet dwar l-arranġamenti finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz baxx ittieħdu.
- (83) Il-Finlandja targumenta li Finavia aġixxiet razzjonalment u ssaħħa l-argumenti tagħha b'kopja tal-pjan kummerċjali *ex ante* ta' Finavia u bir-riżultati reali ta' Finavia u Airpro fl-ajruport ta' TMP.
- (84) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnotta li l-hanger tal-merkanzija fl-ajruport ta' TMP ġie vakanti wara li DHL temmet il-kuntratt tal-kiri tagħha. Finavia kienet qed tifle madwar [...] kera fix-xahar. Wara ftit xhur, kien evidenti li Finavia ma kinitx se tkun kapaċi tiġbed kumpanija għall-ġarr tal-merkanzija bl-ajru lejn l-ajruport ta' TMP. Barra minn hekk, il-linji tal-ajru bi prezz baxx ma kinux lesti jużaw it-Terminal 1 fl-ajruport, għax l-ispejjeż tas-servizzi tal-ground handling kienu ogħla milli kienu lesti li jaċettaw dawn il-linji tal-ajru. Madankollu, il-previżjonijiet għas-settur tat-trasport bl-ajru indikaw potenzjal ta' tkabbir għoli għat-trasportaturi bi prezz baxx bħal Ryanair, ta' madwar 30 % fis-sena.
- (85) Il-Kummissjoni kompliet tosserva li l-hanger vojta tal-merkanzija kien totalment deprezzat u li l-ispejjeż tar-rinovazzjoni sabiex il-hanger jiġi mibdul f'terminal bi prezz baxx għall-passiġġieri ammontaw għal EUR 760 612. Anki li kieku l-hanger tal-merkanzija ma ġie mibdul f'terminal tal-passiġġieri, Finavia kien ikollha xorta tagħmel ċerti xogħlijiet ta' rinnovazzjoni li kienu jammontaw għal madwar EUR 100 000.
- (86) Barra minn hekk, Finavia kienet obligata iżżomm ir-runway tal-ajruport ta' TMP disponibbli għal skopijiet militari 24 siegħa kuljum, 365 jum fis-sena. Għalhekk, żieda fit-traffiku fl-ajruport tista' tirriżulta f'allokazzjoni aħjar tar-riżorsi u possiblament tnaqqis fis-sovrakapaċitajiet. Fl-istess waqt, diversifikazzjoni fil-linji tal-ajru li jużaw l-ajruport tista' wkoll tnaqqas ir-riskji kummerċjali tal-ajruport (bħar-riskju ta' kapaċità li ma tintużax fl-eventwalità li waħda mil-linji tal-ajru twaqqaf l-operazzjonijiet tagħha) u ttejjeb l-użu effiċjenti tar-runway.
- (87) Din is-sitwazzjoni hija spjegata fil-pjan kummerċjali ta' Finavia għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz baxx. Kif muri fl-aġar xenarju possibbli fil-pjan kummerċjali ta' Finavia, il-proġett ta' investment kien mistenni jagħti kontribut positiv: il-marġini ta' profitt medju⁽¹⁹⁾ kien mistenni jkun madwar [...] (ara t-tabella fil-paragrafu (20)), li skont id-dejta disponibbli għall-Kummissjoni hija b'mod ġenerali fil-linja tal-marġini ta' profitt ta' ajruporti oħrajn fl-Unjoni⁽²⁰⁾. Il-Kummissjoni tkompli tosserva li l-pjan ta' negozju *ex ante* kien ibbażat fuq assunzjonijiet prudenti li wasslu għas-sottovalutazzjoni tad-dħul u stima eċċessiva tal-ispejjeż fl-aħħar snin tal-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, il-pjan ta' negozju *ex ante* ma ħax inkonsiderazzjoni l-profitt li daħħlet Finavia mill-imposti tal-inżul, għax dawn l-ispejjeż kienu mnaqqsa mid-dħul mistenni. Barra minn hekk l-ispejjeż ta' rinnovazzjoni u r-remunerazzjoni xierqa għall-kapital investit kienu riflessi kollha kemm huma fil-kera mħallsa minn Airpro lil Finavia, li kienet ukoll imnaqqsa mid-dħul mistenni.

⁽¹⁶⁾ Il-Kawża C-305/89 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* [1991] Ġabra I-1603, paragrafu 20 (il-kawża "*Alfa Romeo*"); Il-kawża T-296/97 *Alitalia vs Il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-3871, paragrafu 84.

⁽¹⁷⁾ Il-kawża T-196/04 *Ryanair vs Il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-3643, paragrafu 59 (il-kawża "*Charleroi*").

⁽¹⁸⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-4397, paragrafu 71 (il-kawża "*Stardust Marine*");

⁽¹⁹⁾ Il-marġini ta' profitt (ir-redditu mill-bejgħ) iqabbel il-profitt nett mal-bejgħ (dħul). Dan il-proporzjon juri jekk ir-redditu ta' imprima minn fuq il-bejgħ huwiex suffiċjenti, għax jiddetermina kemm profitt qed isir għal ewro ta' fatturat; huwa indikatur tal-profittabbiltà u l-effiċjenza.

⁽²⁰⁾ Ara t-Tabella 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2010 fil-Kawża dwar l-ghajnuma mill-Istat C 12/2008 *is-Slovakkja – ftehim bejn Bratislava u Ryanair*, ĠU L 27, 1.2.2011, p. 24.

- (88) Sabiex tkun ivvalutata l-istrateġija ta' prezz baxx ta' Finavia u Airpro abbażi ta' approċċ integrat, l-espert tal-Kummissjoni kkonsolida d-dħul u l-ispejjeż tal-pjan kummerċjali *ex ante* (ix-xenarju bażiku). B'mod partikolari, il-pagamenti interkorporattivi (bħal kera mħallsa minn Airpro lil Finavia għall-użu ta' T2, l-imposti tal-inżul u l-imposti għan-navigazzjoni fit-terminal) tqiesu bħala dħul. It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor il-kalkoli tad-dħul u tal-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP kif deskritta hawn fuq u l-kontribut tagħha għall-qligħ qabel l-imgħax u t-taxxi ("EBIT") flivell konsolidat (jiġifieri għal Finavia u Airpro) fuq l-għaxar snin li ġejjin: [...] ⁽²¹⁾
- (89) Il-Kummissjoni tosserva li abbażi tal-pjan kummerċjali *ex ante* u l-NPV pożittiv ⁽²²⁾, id-deċiżjoni ta' Finavia li timplimenta l-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP kienet konformi mal-aġir ta' investitur li jopera f'ekonomija tas-suq. L-NPV pożittiv tal-istrateġija ta' prezz baxx żiedet il-valur tal-ekwiżità ta' Finavia. Il-Kummissjoni tkompli tinnota li l-assunzjonijiet tal-pjan kummerċjali *ex ante* u r-riżultati mistennija tal-istrateġija ta' prezz baxx ikomplu jiġu appoġġati bir-riżultati pożittivi reali tal-attività ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP (ara b'mod partikolari t-tabella f'paragrafu (26)). Barra minn hekk, ir-riżultati finanzjarji reali kkumbinati tal-ajruport ta' TMP (filwaqt li jitqiesu r-riżultat finanzjarji tal-attività ta' Airpro u Finavia fl-ajruport ta' TMP, ara t-tabelli fil-paragrafi (24) u (26)) juru li minħabba l-operat tat-terminal bi prezz baxx l-attività kollha tal-ajruport saret profittabbli.
- (90) Fid-dawl tal-kontenut t'hawn fuq, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li d-deċiżjoni ta' Finavia li timplimenta l-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP u l-arranġament finanzjarji sottostanti huma konformi mat-test tal-investitur li jopera f'ekonomija tas-suq u għalhekk m'għandhom l-ebda vantaġġ ekonomiku li ma jikkorrispondix mal-kundizzjonijiet tas-suq normali.
- (91) Billi wieħed mill-kriterji kumulattivi fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma jintleħaqx, il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni ta' Finavia li timplimenta l-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP u l-arranġamenti sottostanti finanzjarji huma neqsin minn kull għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (92) Dwar il-possibilità ta' sussidju trasversali għal Airpro minn Finavia (bħal dħul mill-kiri mitluf jew kumpens għat-telf fl-operat) il-Kummissjoni tinnota li għadarba l-arranġamenti finanzjarji kollha tal-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP huma bbażati fuq pjan kummerċjali *ex ante* skont il-prinċipju tal-investitur li jopera f'ekonomija tas-suq, għadarba Airpro tħallas il-kera tas-suq għall-użu ta' T2 u l-ispejjeż kollha tal-attività ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP huma koperti mill-imposti mħallsa mil-linji tal-ajru li jużaw T2 (jiġifieri Ryanair), u għadarba l-attività ta' Finavia fl-ajruport ta' TMP hija profittabbli biss minħabba l-operat ta' T2, is-sussidju trasversali ta' Airpro minn Finavia jista' jiġi eskluż.

6.2. Il-ftehim bejn Airpro u Ryanair jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat?

- (93) Rigward il-ftehim bejn Airpro u Ryanair, il-Finlandja argumentat li Airpro aġixxiet bħal kif investitur li jopera f'ekonomija tas-suq kieku kien jagħmel fl-istess sitwazzjoni. Jekk dan huwa l-każ, Ryanair ma kinitx iffavorita bil-ftehim u ma kienx hemm għajjnuna mill-Istat.
- (94) Fil-valutazzjoni ta' jekk il-ftehim kienx konkluż skont kundizzjonijiet tas-suq normali, il-Kummissjoni trid teżamina jekk f'ċirkustanzi simili ajruport li jopera taħt kundizzjonijiet normali tal-ekonomija tas-suq u ggwidat mill-prospetti ta' profittabbiltà fuq żmien twil kienx jidħol fl-istess arranġamenti kummerċjali jew simili, bħal Airpro ⁽²³⁾. Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tanalizza l-impatt mistenni tal-ftehim fuq l-attività ta' Airpro u Finavia fl-ajruport ta' TMP abbażi tal-approċċ integrat li jqis il-karatteristiċi tal-miżura inkwistjoni ⁽²⁴⁾.
- (95) Sabiex tkun tista' tapplikka t-test tal-investitur privat, il-Kummissjoni trid tpoġġi lilha nfisha fil-kuntest ta' meta l-ftehim ġie ffirmat. Il-Kummissjoni trid tibbaża wkoll il-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u l-assunzjonijiet disponibbli għall-operatur meta l-ftehim ġie ffirmat. Airpro ffirmat il-ftehim ma' Ryanair fit-3 ta' April 2003 għal perjodu ta' validità ta' [...].
- (96) Skont il-ftehim, Ryanair ikkommettiet ruħha li tibda operazzjonijiet fl-ajruport ta' TMP b' [...] tluġ u nżul ta' kuljum. Abbażi ta' dan, Ryanair hija mistenija li tattira

⁽²¹⁾ [...]

⁽²²⁾ L-NPV jindika jekk id-dħul minn proġett partikolari jeċċedix l-ispejjeż (tal-għażla) tal-kapital. Proġett huwa kkunsidrat bħala investiment ekonomikament profittabbli meta jiġġenera NPV pożittiv. Investimenti li jipproduċu anqas dħul mill-ispejjeż (tal-għażla) tal-kapital mhumiex ekonomikament profittabbli. L-ispejjeż (tal-għażla) tal-kapital huma riflessi fir-rata ta' skont.

⁽²³⁾ *Alfa Romeo*, paragrafu 20, *Alitalia vs Il-Kummissjoni*, paragrafu 84.

⁽²⁴⁾ *Charleroi*, paragrafu 59.

bejn wieħed u ieħor [...] passiġġier li jitlaq mill-ajruport ta' TMP matul l-ewwel 12-il xahar, u madwar [...] passiġġier li jitlaq fit-12-il xahar ta' wara. Il-ftehim jipprevedi skeda ta' imposti għal kull tluġh u nżul skont l-għadd ta' frekwenzi ta' kuljum (ara b'mod partikolari t-tabelli fil-paragrafu (43)). Il-prezz medju ta' tluġh u nżul (ibbażat fuq tliet titjiriet kuljum) huwa ta' [...]. It-tabella li ġejja tqabbel l-imposti mħallsin mil-linji tal-ajru li jużaw T1 fl-ajruport ta' TMP u l-prezz medju mħallas minn Ryanair:

Is-servizz ipprovdut	L-imposti tal-ajruport applikabbli f'Terminal 1 (T1) f'EUR	L-imposti tal-ajruport mħallsin minn Ryanair (it-tariffa medja) f'Terminal 2 (T2)
L-imposta għall-inżul	442	442
L-imposti għan navigazzjoni fit-terminal	92	92
L-imposta għas-sigurtà	410	410
Is-servizzi ta' għaj-nuna għall-passiġġieri fit-terminal u l-ground handling	[...]	[...]
Il-prezz totali għal kull tluġh u nżul	[...]	[...]

(97) Il-Kummissjoni tosserva li Ryanair tħallas l-istess imposti għall-inżul, għan-navigazzjoni fit-terminal u għas-sigurtà bħal linji tal-ajru li jużaw T1 fl-ajruport ta' TMP. Skont l-informazzjoni mill-Finlandja, Ryanair mhix eżentata mit-tariffa tal-passiġġieri. L-unika differenza fil-prezz imħallas minn Ryanair għandha x'taqsam mal-imposti mħallsa għas-servizzi (ta' għaj-nuna għall-passiġġieri) fit-terminal u l-ground handling. Madankollu l-kwalità tas-servizzi pprovduti minn Ryanair u s-servizzi għall-passiġġieri tagħha f'T2 huwa aktar baxx mill-kwalità tas-servizzi pprovduti f'T1, u t-tnaqqis milħuq fl-ispejjeż sottostanti, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-persunal, jirrapreżentaw madwar [...] tal-ispejjeż totali ta' Airpro (inklużi l-kera, l-imposti għall-inżul u għan-navigazzjoni fit-terminal imħallsa lil Finavia). Bil-kontra għal T1, l-għadd ta' persunal f'T2 huwa mill-inqas u l-persunal jesegwixxi varjetà ta' operazzjonijiet relatati maċ-check-in, mal-kontrolli tas-sigurtà u l-ground handling. Skont l-informazzjoni mogħtija mill-ajruport lill-espert tal-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-persunal ta' T2 huma madwar [...] inqas minn ta' T1. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-imposti tal-ajruport mħallsa minn Ryanair għas-servizzi (ta' għaj-nuna għall-passiġġieri) fit-terminal u l-ground handling huma inqas b'madwar [...] biss mill-imposti mħallsa f'T1. Id-diverġenza bejn l-iffrankar

tal-ispejjeż (madwar [...]) u d-differenza fl-imposti mħallsa mil-linji tal-ajru li jużaw iż-żewġ terminali (madwar [...]) tirrifletti l-marġini ta' profitt addizzjonali ġġenerat minn Airpro (madwar [...], ara wkoll it-tabella f'paragrafu (20)). Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonsidra li d-differenza bejn l-imposti mħallsa minn Ryanair f'T2 u dawk imħallsa f'T1 huma ġġustifikati.

(98) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, Airpro kienet kapaċi tipp-revedi d-dħul ġġenerat mill-ftehim ma' Ryanair. Airpro assumiet li fl-ewwel sena Ryanair se twettaq [...] tluġh u nżul ta' kuljum b'fattur ta' tagħbija ta' [...]; mit-tieni sena kien mistenni li Ryanair topera [...] tluġh u nżul ta' kuljum għall-perjodu ta' validità tal-ftehim li jifdal, bl-istess fattur ta' tagħbija bħal dak tal-ewwel sena. Ir-riżultat jieħu kont tad-dħul ajrunawtiku u mhux ajrunawtiku ta' Airpro (inkluż d-dħul mill-parkeġġ tal-karozzi, eċċ.). L-ispejjeż ta' Airpro fuq il-perjodu ta' validità tal-ftehim kienu stmati billi ġew ipprojetati l-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' TMP. Pereżempju, l-ispejjeż tal-persunal kienu mistennija jammontaw għal [...] għal kull tluġh u nżul (u [...] meta kkalkulati abbażi tat-tluġh u l-inżul ta' kuljum tal-inġenji tal-ajru).

(99) It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor il-kalkoli tad-dħul u tal-ispejjeż relatati mal-ftehim u l-kontribut pożittiv tal-ftehim għall-valur ta' ekwità ta' Airpro tul il-perjodu ta' validità tiegħu. Dawn il-kalkoli huma bbażati fuq il-pjan kummerċjali pprovdut mill-Finlandja u l-assunzjonijiet stipulati hawn fuq. [...] ⁽²⁵⁾

(100) Il-Kummissjoni tinnota li tul il-perjodu ta' validità tiegħu l-ftehim ma' Ryanair kien mistenni li jiġġenera kontribut pożittiv għall-valur ta' ekwità ta' Airpro, b'NPV li jammonta għal EUR 0.5 miljun. Barra minn hekk l-attività ġenerali ta' Airpro u Finavia fl-ajruport ta' TMP kienet mistennija tkun pożittiva tul il-perjodu ta' validità tal-ftehim.

(101) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li d-dħul li ġej mill-ftehim ikopri l-ispejjeż kollha ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP u l-ispejjeż kollha ta' Finavia relatati mal-ftehim. L-approċċ li jkopri l-ispejjeż kollha f'dan il-każ jinkludi l-ispejjeż tal-kapital (jiġifieri l-ispejjeż ta' deprezzament għall-infras-truttura tal-ajruport) u l-ispejjeż tal-operat (bħal-ispejjeż tal-persunal, l-enerġija, il-materjal, eċċ.). Jinkludi wkoll l-ispejjeż għas-sigurtà u s-sikurezza li jistgħu jirrapreżentaw miżuri li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-politika pubblika li ma jiġux ikkunsidrati bħala attività ekonomika skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għaldaqstant l-NPV ikkalkulat huwa sstovalutat u l-kontribut pożittiv tal-ftehim jista' fil-fatt ikun anki oġhla.

⁽²⁵⁾ [...]

- (102) Il-Kummissjoni tosserva li abbażi tal-pjan kummerċjali *ex ante*, id-deċiżjoni ta' Airpro b'ħala sussidjarja ta' Finavia, biex tikkonkludi l-ftehim inkwistjoni ma' Ryanair kienet konformi mal-komportament ta' investitur li jopera f'ekonomija tas-suq. Il-Kummissjoni tkompli tinnota li l-assunzjonijiet tal-pjan kummerċjali *ex ante* u r-riżultati mistennija tal-ftehim ikomplu jiġu msaħħa bir-riżultati pożittivi reali tal-attività ta' Airpro fl-ajruport ta' TMP (ara b'mod partikolari t-tabella f'paragrafu (26)). Barra minn hekk, ir-riżultati finanzjarji reali kkombinati tal-ajruport ta' TMP (filwaqt li jitqiesu r-riżultat finanzjarji tal-attività ta' Airpro u Finavia fl-ajruport ta' TMP, ara b'mod partikolari t-tabelli fil-paragrafi (24) u (26)) juru li mhux l-operazzjonijiet tat-terminal bi prezz baxx biss saru profittabbli, iżda dawk tal-ajruport kollu kemm hu saru profittabbli.
- (103) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-deċiżjoni ta' Airpro li tagħmel l-imsemmi ftehim ma' Ryanair hija konformi mat-test tal-investitur li jopera f'ekonomija tas-suq u għalhekk ma għandha l-ebda vantaġġ ekonomiku li ma jikkorrispondix mal-kundizzjonijiet tas-suq normali.
- (104) Billi l-kriterji kumulattivi fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma jintleħqux, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ftehim tat-3 ta' April 2003 bejn Airpro u Ryanair huwa nieqes minn kull għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-miżuri meħuda minn Finavia Oyj u Airpro Oy li jikkonsistu mill-arranġamenti finanzjarji li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' prezz baxx fl-ajruport ta' Tampere-Pirkkala, b'mod partikolari l-ispejjeż ta' rinnovazzjoni fit-Terminal 2 u l-ftehim ta' kiri għat-Terminal 2, konklużi bejn Finavia Oyj u Airpro Oy fit-23 ta' Frar 2003 ma jikkostitwixxux għajjnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-ftehim konklużi bejn Airpro Oy u Ryanair Ltd fit-3 ta' April 2003 ma jikkostitwixxix għajjnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi President

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2013

dwar l-ghajjnuna tal-Istat SA.33726 (11/C) [eks SA.33726 (11/NN)] – mogħtija mill-Italja (differiment tal-ħlas tal-imposti fuq il-ħalib fl-Italja)

(notifikata bid-dokument C(2013) 4046)

(It-test bl-Taljan biss huwa awtentiku)

(2013/665/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu msemmi, u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

I. PROCĊEDURA

- (1) Wara li ħadet nota tad-dħul fis-seħħ, fis-27 ta' Frar 2011 tal-Liġi li tibdel f'liġi d-Digriet Liġi Nru. 225 tad-29 ta' Diċembru 2010, li tikkonċedi differiment tal-ħlas ta' rata tal-imposti fuq il-ħalib li jridu jitħallsu mill-produtturi tal-ħalib Taljani skont il-pjan tal-ħlas tar-rati approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/530/KE tas-16 ta' Lulju 2003 dwar il-kompatibilità mas-Suq Komuni ta' ghajjnuna li r-Repubblika tal-Italja għandha l-ħsieb li tagħti lill-produtturi tagħha tal-ħalib ⁽¹⁾, ⁽²⁾ il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tas-17 ta' Marzu 2011, talbet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Taljani dwar ir-rapport ikkonċernat.
- (2) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Ġunju 2011, irreġistrata fid-29 ta' Ġunju 2011, l-awtoritajiet Taljani ressqu quddiem il-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali mitluba.
- (3) Permezz ta' faks tal-14 ta' Ottubru 2011, is-servizzi tal-Kummissjoni, wara li eżaminaw id-dettalji mogħtija mill-awtoritajiet Taljani u wara li kkunsidraw li d-differiment tal-ħlas imsemmi hawn fuq seħħ mingħajr ma ġie innotifikat minn qabel lill-Kummissjoni u approvat minnha, ħabbru lill-awtoritajiet il-ftuħ ta' dossier ta' ghajjnuna mhux notifikata li nġhata n-numru SA.33726 (2011/NN).
- (4) Permezz ta' ittra tal-11 ta' Jannar 2012 il-Kummissjoni infurmat lill-Italja bid-deċiżjoni tagħha li tnedi l-proċedura skont l-Artikolu 108 (2) tat-Trattat fir-rigward tad-differiment tal-ħlas imsemmi u tal-pjan tal-ħlas tar-rati

approvat bid-Deċiżjoni 2003/530/KE, emendata biż-żieda tad-differiment, li jikkostitwixxi ghajjnuna ġdida [(ghajjnuna SA.33726 (11/C))] u stiednet lill-awtoritajiet Taljani jressqu l-kummenti tagħhom dwar it-tnedija tal-proċedura fi żmien skadenza ta' xhar.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li titnieda l-proċedura ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-ghajjnuna kkonċernata.

- (6) Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti mill-partijiet interessati, għaddiethom lill-Italja u tagħtha l-possibilità li tirrispondi.

- (7) Permezz ta' messaggġ bl-emejl fit-13 ta' Frar 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja ġewwa l-Unjoni Ewropea kkomunikat lill-Kummissjoni ittra mill-awtoritajiet Taljani bil-ħsieb li jiksbu differiment ta' xahrejn biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar it-tnedija tal-proċedura. Permezz ta' faks tal-21 ta' Frar 2012 waslet il-konferma tal-ġhoti tal-imsemmi differiment.

- (8) Permezz tal-messaggġ bl-emejl tas-26 ta' April 2012 u tas-27 ta' April 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja ġewwa l-Unjoni Ewropea kkomunikat lill-Kummissjoni t-tweġiba tal-awtoritajiet Taljani dwar il-ftuħ tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat.

- (9) L-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda kumment dwar il-kummenti tal-partijiet interessati.

II. DESKRIZZJONI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill

- (10) Id-Deċiżjoni 2003/530/KE tistipula fl-Artikolu 1:

“L-ghajjnuna li r-Repubblika Taljana bi ħsiebha tagħti lill-produtturi tal-ħalib, billi hija stess tħallas fisimhom l-ammonti dovuti minnhom lill-Komunità minħabba l-imposta addizzjonali fuq il-ħalib u fuq il-prodotti tal-ħalib għall-perjodu mill-1995/1996 sal-2001/2002 u billi dawn il-produtturi jitħallew jaqgħu d-dejn tagħhom

⁽¹⁾ Fil-preżent is-Suq Intern.

⁽²⁾ ĠU L 184, 23.7.2003, p. 15.

⁽³⁾ ĠU C 37, 10.2.2012, p. 30.

fil-forma ta' ħlas differit minghajn imgħax, imqassam fuq għadd ta' snin, b'mod eċċezzjonali hija meqjusa kompattibbli mas-suq komuni, kemm-il darba:

- l-ammont jitħallas lura kollu, f'pagamenti annwali tal-istess daqs,
- il-perjodu tal-ħlas ma jaqbiż l-erbatax-il (14) sena, li jibda mill-1 ta' Jannar 2004."

Il-Liġi li tibdel f'liġi d-Digriet Liġi Nru. 225 tad-29 ta' Diċembru 2010 (Liġi Nru.10 tas-26 ta' Frar 2011, minn hawn 'il quddiem: "Il-Liġi Nru. 10/2011")

- (11) Il-Liġi Nru. 10/2011 tintroduċi fl-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi tad-29 ta' Diċembru 2010, Nru. 225, il-paragrafu 12 (k) li jiddiferixxi sat-30 ta' Ġunju 2011 il-ħlas tar-rata tal-imposti fuq il-ħalib bl-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2010. L-ispejjeż tad-differiment se jitniżżlu fuq allokazzjoni ġenerali ta' EUR 5 miljuni intiża għal ħafna għanijiet.
- (12) Fl-ittra tagħhom tal-24 ta' Ġunju 2011 l-awtoritajiet Taljani speċifikaw li s-sussidju ekwivalenti ta' miżura bħal din se jitniżżel fuq l-ghajjnuna *de minimis* stipulata għall-Italja mir-Regolament (KE) Nru. 1535/2007 tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE⁽¹⁾ għall-ghajjnuniet *de minimis* fis-settur tal-produtturi tal-prodotti agrikoli⁽²⁾.

III. RAĠUNIJET LI WASSLU GĦAT-TNEDIJA TAL-PROĊEDURA FORMALI

- (13) Il-Kummissjoni nediet il-proċedura stipulata mill-Artikolu 108(2) tat-Trattat għar-raġunijiet li ġejjin:
- l-awtoritajiet Taljani wrew il-ħsieb tagħhom li s-sussidju ekwivalenti tad-differiment tal-ħlas ikkonċernat jitniżżel fl-iskema "*de minimis*" stipulata mir-Regolament (KE) Nru.1535/2007; madankollu, mhux biss l-applikabbiltà tal-imsemmi Regolament kienet legalment dubbjuża, billi l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda kjarifika dwar il-limiti massimi tal-ghajjnuna individwali u nazzjonali stipulati mir-Regolament, iżda l-istess Regolament ma jippermettix l-għoti ta' ghajjnuniet *de minimis* li jwasslu biex l-ghajjnuniet tal-Istat jaqbiżu l-ogħla limitu permess. Billi l-ghajjnuna approvata mill-Kunsill kienet l-ogħla ghajjnuna li setgħet tingħata mill-Italja lill-produtturi

tagħha tal-ħalib, iż-żieda tas-sussidju ekwivalenti tad-differiment tal-ħlas inkluż fl-iskema *de minimis* tfixxer li nqabeż l-ogħla ammont ta' ghajjnuna approvata mill-Kunsill;

- għaldaqstant il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li jeżisti element ta' ghajjnuna fid-differiment (billi dan jiswa daqs self minghajn imgħax, minn hawn 'il quddiem l-"ghajjnuna marbuta") u ebda informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Taljani ma ppermettiet ġustifikazzjoni fid-dawl tar-regoli applikabbli għal dik li hija ghajjnuna mill-Istat fis-settur agrikolu (Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Ghajjnuna mill-Istat fis-Settur Agrikolu u Forestali 2007-2013)⁽³⁾;
- id-differiment jinvolvi ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE (billi ttiefset waħda mill-kondizzjonijiet tagħha – il-ħlasijiet ma baqgħux regolari) u biddel għalhekk, għal dawk li gawdew minnu, is-sistema kollha tal-iskadenza tal-pagamenti li saret xejn ħlief ghajjnuna ġdida (peress li din mhix inkluża fil-qafas tad-Deċiżjoni 2003/530/KE), li ma tidhirx f'ebda dispożizzjoni tal-Linji Gwida msemmija hawn fuq.

IV. KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET TALJANI DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA FORMALI

- (14) Fl-ittra permezz ta' emejl tas-26 ta' April 2012 l-awtoritajiet Taljani qabel xejn ikkunsidraw l-applikazzjoni tas-sistema tal-iskadenza tal-pagamenti tal-imposta fuq il-ħalib approvata bid-Deċiżjoni 2003/530/KE. Skont l-awtoritajiet Taljani l-benefiċjarji tas-sistema huma 11 271. Minn dawn, 9 965 (jiġifieri 88.41 % tat-total) ħallsu f'waqtha l-imposta tal-31 ta' Diċembru 2010, 1 291 hađu vantaġġ mid-differiment u 15 ma wettqu ebda ħlas u dan wassal biex tkeċċew mill-iskema ta' pagament bir-rati.
- (15) L-awtoritajiet Taljani indikaw li, fil-kalkolu tas-sussidju ekwivalenti tal-ghajjnuniet miksuba mill-benefiċjarji tad-differiment ittieħed kont tal-imgħax għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 u d-data tal-ħlas effettiv tar-rata li hija oġġett ta' differiment, bl-użu tar-rata tal-Euribor ta' tliet xhur mill-1 ta' Ottubru 2010, miżjud b'100 punt ta' bażi (1.942 %). Ir-riżultati miksuba juru li s-sussidju ekwivalenti tad-differiment ivarja minn EUR 0.08 sa EUR 694.19 u li minn 1 291 benefiċjarju kien hemm 1 187 li hađu ghajjnuna ta' inqas minn EUR 100,00. Skont l-awtoritajiet Taljani dawn iċ-ċifri juru li d-differiment tal-ħlas skont kif jissemma fil-Liġi Nru. 10/2011 ma xekkilk l-andament tal-iskema ta' pagament bir-rati u li din baqgħet tikkonforma mad-Deċiżjoni 2003/530/KE, kif jidher mill-fatt li 11.45 % biss tal-produtturi li jipparteċipaw fl-iskema kkonċernata ibbenefikaw minnha.

⁽¹⁾ Issa l-Artikolu 107 u l-Artikolu 108 tat-Trattat.

⁽²⁾ ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35.

⁽³⁾ ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

- (16) Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq l-awtoritajiet Taljani jtennu mill-ġdid li, kif diġà mistqarr fid-dettall fl-ittra tal-24 ta' Ġunju 2011 (ara l-punt 13), id-differiment tal-ħlas tar-rati tal-imposti li nġhata mhux ħliet għajnuna *de minimis*. Barra minn hekk huma żiedu jgħidu li b'mod assolut ġie rispettati il-livell massimu individwali kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1535/2007, kif ukoll il-livell massimu ta' EUR 320 505 000 fuq perjodu ta' tliet snin fiskali stabbilit għall-Italja bl-istess Regolament. Komplessivament is-sussidju ekwivalenti tad-differiment tal-ħlas fil-fatt huwa ta' EUR 50 877,41. Fl-aħħar nett huma qeġhdin jaraw jekk dawn il-livelli massimi humiex jiġu rispettati meta jitqiesu l-għajnuniet l-oħra *de minimis* li nġhataw matul is-snin 2009, 2010 u 2011.
- (17) Dwar il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li ssostrni li l-għajnuna approvata mid-Deċiżjoni 2003/530/KE trid titqies min-natura tagħha stess u minħabba l-karattru eċċezzjonali tagħha bħala għajnuna waħda massima li ma għandhiex tiżdied b'ebda tip ta' għajnuna oħra, l-awtoritajiet Taljani jenfasizzaw qabel xejn li d-Deċiżjoni kkonċernata għarfet l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu lill-Kunsill jagħraf li l-għajnuna kkonċernata hija kompatibbli mal-Artikolu 107 tat-Trattat, kemm-il darba jiġu rispettati ċerti kondizzjonijiet. Barra minn hekk huma jenfasizzaw li mill-verifiki li saru jirriżulta li l-iskema ta' pagament bir-rati hija konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2003/530/KE billi l-produtturi kollha wettqu l-ħlas tas-seba' rata, għajr ħmistax-il produttur li diġà twarrbu mill-iskema. Fil-fehma tagħhom il-karattru eċċezzjonali ta' ċirkostanzi li wasslu biex tiġi adottata d-Deċiżjoni 2003/530/KE minnu nnifsu mhux fattur li jeskludi l-possibbiltà ta' aċċess għal kull benefiċċju ieħor għal dawk li jirċievu l-għajnuna approvata mill-Kunsill: it-Trattat sempliċement jirreferi għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija, mingħajr ma jimponi limiti dwar in-natura jew il-mod ta' implimentazzjoni tal-għajnuniet awtorizzati filwaqt li sempliċement jorbot id-deroga tal-Artikolu 107 u tar-regolamenti msemmija fl-Artikolu 109 tat-Trattat mal-adozzjoni ta' deċiżjoni unanima tal-Kunsill. F'dan il-każ speċifiku, il-karattru eċċezzjonali li wassal għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2003/530/KE jidher ċar fil-mod kif l-istess Deċiżjoni ġiet adottata, jiġifieri b'mod unanimu, u hija marbuta maċ-ċirkostanzi li wasslu għall-adozzjoni tagħha u mhux mal-għajnuna fiha nnifsha.
- (18) Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Taljani, fid-dawl tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-produtturi, l-ammont zġgħir tal-imposti kkonċernati, u n-nuqqas ta' tibdil li sar fl-iskema ta' pagament bir-rati li għadu s'issa mhux mittiefes fl-istruttura tiegħu, kemm għal dak li huwa l-għadd sħiħ ta' rati kif ukoll għall-iskadenzi, id-differiment tal-ħlas huwa minnu nnifsu għajnuna *de minimis* u għaldaqstant irid jitqies bħala miżura iżolata.
- (19) Fl-aħħar nett l-awtoritajiet Taljani jfakkru li skont l-Ordni Ministerjali tat-30 ta' Lulju 2003 li japplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill, dawk li jieħdu sehem fl-iskema ta' pagament bir-rati għandhom jirrinunċjaw għal kull azzjoni legali dwar il-ħlas tal-imposti dovuti u d-debituri li ma jħallsux għandhom jitwarrbu mill-iskema. Skont l-awtoritajiet Taljani din il-kondizzjoni tkun kawża ta' bidu ta' proċedimenti ta' rkupru infurzat u dan iwassal biex il-produtturi jippreżentaw rikorsi oħrajn. Għalhekk ikun xieraq li jiġu evitati rikorsi għall-irkupru ta' kwantitajiet zġgħar ħafna bi proċedimenti li jqumu aktar mill-ammonti li jridu jiġu rkuprati. F'dan ir-rigward l-awtoritajiet Taljani jagħmlu referenza għall-Artikolu 32(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni ⁽¹⁾, li jgħid li f'każijiet debitament iġġustifikati l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jieħdux passi jekk l-ispejjeż imġarrba u dawk li x'aktarx jirriżultaw mill-proċediment ta' rkupru jkun ogħla mill-ammont li jrid jiġi rkuprat. Fil-fehma tagħhom din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata b'mod analogu għal dan il-każ ukoll. Fi kwalunkwe każ, dispożizzjoni bħal din tinsab ukoll fl-Artikolu 25(4) tal-Liġi Nru. 289/2002 (il-Liġi Finanzjarja tal-2003), li tistipula li ammont ta' EUR 12 jitqies ammont zġgħir u mhux suġġett għal irkupru. 559 minn fost dawk li bbenefikaw mid-differiment irċievu għajnuna ta' inqas mill-ammont imsemmi.
- (20) Fl-ittra mibgħuta permezz ta' emejl tas-26 ta' April 2012, l-awtoritajiet Taljani pprovdew il-lista tal-benefiċjarji tad-differiment tal-ħlas u l-ammont li kull wieħed minnhom irċieva.

V. KUMMENTI TAL-PARTIJET IKKONĊERNATI DWAR IL-BIDU TAL-PROĊEDURA

- (21) Fis-7 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-bidu tal-proċedura minn parti terza.
- (22) F'dawn il-kummenti l-parti terza fis-sustanza titlob li tkun taf għala l-Kummissjoni llimitat il-bidu tal-proċedura tad-differiment tal-ħlas stipulata mil-Liġi Nru10/2011 u ma estendithiex għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40 bis tal-Liġi Nru. 122/2010 li tistipula dwar differiment tal-ħlas ta' waħda mir-rati li titħallas f'programm ta' rati komplementari mwaqqaf mil-Liġi Nru. 33/2009 u hija thegħiġha biex tagħmel dan. F'dan ir-rigward hija tfakkar li diġà kienet tressqet talba lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40 bis tal-Liġi 122/2010 li nġhalqet mill-istess Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

- (23) Fl-10 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-bidu tal-proċedura minn parti terza oħra.
- (24) F'dawn il-kummenti l-parti terza ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4) tad-Digriet Liġi Nru. 16/2012 li jippermetti lid-debitur iqassam il-ħlas tal-ammonti dovuti frati fissi għall-intrapriżi li jkunu f'diffikultajiet ekonomiċi. Hija talbet lill-Kummissjoni biex tintervjeni filwaqt li sosniet l-inkompatibilità ta' dawn il-miżuri mas-suq intern.
- (25) Fl-14 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-bidu tal-proċedura ulterjorment minn parti terza oħra.
- (26) Fil-kummenti tagħha din il-parti terza wkoll tagħmel referenza għad-Digriet Liġi Nru. 16/2012 filwaqt li tenfasizza d-differenza ta' trattament bejn min irabbi l-bhejjem, kif ukoll l-eżattezza tad-dejta li ntużat mill-AGEA (Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura – aġenzija ta' ħlas Taljana) biex tiġi kkalkulata l-imposta addizzjonali.
- (30) Hija tiffavorixxi ċerti impriżi b'mod partikolari l-azjendi agrikli li jipproduċu l-ħalib.
- (31) Hija tista' taffettwa l-kummerċ, meqjusa l-pożizzjoni tal-Italja fis-suq ⁽¹⁾.
- (32) Hija tista' xxekkel il-kompetizzjoni peress li l-impriżi li bbenefikaw minnha kisbu vantaġġ (id-differiment ma jagħtix imgħax u għalhekk huwa ekwivalenti għal self mingħajr imgħax) li taħt kondizzjonijiet normali tas-suq ma kienux jistgħu jiksbu u li qegħdithom f'pożizzjoni kompetittiva aktar vantaġġuża fir-rigward tal-impriżi li ma bbenefikawx ⁽²⁾.
- (33) Madankollu, abbażi l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-awtoritajiet Taljani b'reazzjoni għall-bidu tal-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-miżura kkonċernata tistax titqies bħala għajjnuna *de minimis* skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru. 1535/2007, u, jekk dan ikun il-każ, ma titqiesx għajjnuna tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

VI. EVALWAZZJONI

VI.1. Eżistenza ta' għajjnuna

- (27) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat "kull għajjnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi Statali fi kwalunkwe forma li toħloq distorsjoni jew li thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, safejn tolgot il-kummerċ bejn Stati Membri, titqies bħala li mhijiex kompatibbli mas-suq komuni".
- (28) Il-miżura kkonċernata, jiġifieri l-għajjnuna marbuta mad-differiment ta' ħlas (għotja tal-ekwivalenti ta' self mingħajr imgħax – ara t-tieni inċiż tal-paragrafu 13 hawn fuq), iżda wkoll l-għajjnuna ġdida li tirriżulta mill-ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE (imgħax mhux imħallas fuq il-ħlasijiet annwali diġà mħallas u l-kapital u l-imgħaxijiet mhux imħallas fuq il-ħlasijiet annwali li jibqa' sal-iskadenza tal-ħlas bir-rati, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2017) (għajjnuna ġdida – ara t-tielet inċiż tal-paragrafu 13) taqa' taħt id-definizzjoni li ġejja:
- (29) Għandha tiġi attribwita lill-Istat għax tirriżulta minn Liġi Nazzjonali; hija ffinanzjata mill-fondi pubbliċi, jiġifieri l-Istat Taljan bid-differiment tal-ħlas ta' rata annwali stabbilita bid-Deċiżjoni 2003/530/KE u bil-ħolqien, permezz tad-differiment, ta' għajjnuna ġdida ċċaħħad għal perjodu speċifiku ta' żmien minn ammont ta' flus li jista' jintuża għal finijiet oħra.
- (34) Fl-ittra mibgħuta bl-emejl tas-26 ta' April 2012, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li l-imgħax marbut mad-differiment tal-ħlas kien bejn EUR 0.08 sa EUR 694.19. Huma stqarru wkoll li skont il-verifika ma nqabiżx il-livell massimu stabbilit għall-Italja fuq tliet snin fiskali, iżda kien għad iridu jivverifikaw jekk kienx hemm riskju li jinqabeż il-livell massimu individwali f'każ ta' għajjnuna kumulata *de minimis* għas-snin fiskali 2009, 2010 u 2011.
- (35) Il-Kummissjoni tista' ċertament tivverifika jekk l-ammont tal-imgħaxijiet marbut mad-differiment, meħuda għalihom, jaqbiżx EUR 7 500 skont l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru. 1535/2007 u tagħraf il-fatt li l-ammont

⁽¹⁾ Fl-2009 l-Italja kienet il-ħames pajjiż produttur tal-ħalib tal-baqra tal-Unjoni bi produzzjoni ta' 11.364 miljun tunnellata. Fl-2010 impurtat 1 330 602 tunnellata u esportat 4 722 tunnellata ħalib.

⁽²⁾ Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt biss li l-qagħda kompetittiva tal-impriża sfat imtejba mill-għoti ta' vantaġġ li hija ma setgħetx tikseb taħt kondizzjonijiet normali tas-suq u li minnu ma setgħux igawdu l-impriżi f'kompetizzjoni magħha, huwa biżżejjed biex jipprova tfixkil tal-kompetizzjoni (il-każ 730/79, Philip Morris/Kummissjoni, Rapporti tal-Qorti Ewropea 1980, paġ. 2671).

totali tal-għajnuniet mogħtija permezz tad-differiment, jiġifieri EUR 50 877,41, ma wassalx biex jinqabeż il-livell massimu ta' EUR 320 505 000 maħsub għall-Italja fl-Anness tal-istess Regolament. Iżda, hija ma għandha ebda element ġdid li jipprova li l-livell massimu individwali ta' EUR 7 500 ma nqabiżx febda każ, ukoll meta jingħaddu l-għajnuniet kollha *de minimis* li rċieva l-istess benefiċjarju f'temp ta' tliet snin fiskali, billi mis-26 ta' April 2012 il-Kummissjoni ma rċeviet ebda informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani li wettqu verifiki f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għalhekk ma tistax tikkonkludi li l-livell massimu tal-ghajnunata individwali msemmija hawn fuq ġie rrispettat f'kull każ, l-iktar minħabba li trid tqis ukoll l-ghajnunata l-ġdida li rriżultat mill-ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE. Tabilħaqq il-Kummissjoni trid teżamina fis-sħiħ il-miżura kkonċernata (l-ghajnunata marbuta mad-differiment tal-ħlas – ghajnunata ekwivalenti għal self mingħajr imgħax – u l-ghajnunata ġdida li rriżultat mill-ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE): għadd konsiderevoli ta' benefiċjarji (aktar minn 1 250) ibbenefikaw mid-differiment tal-ħlas u l-ammont tal-ghajnunata jinkludi wkoll parti mis-somma prinċipali (dik li tikkorrispondi għall-pagamenti annwali li jiskadu fil-31 ta' Diċembru tas-snin 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017) flimkien mal-imgħax, u dan jaqbeż sewwa l-imgħax marbut mad-differiment tal-ħlas kif ikkalkolat mill-awtoritajiet Taljani b'irfid tar-raġunamenti tagħhom.

- (36) Barra minn hekk l-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru. 1535/2007 tal-Kummissjoni jstipula li “[l]-għajnuniet *de minimis* ma jstgħux ikunu kumulati mal-għajnuniet mill-Istat għall-istess spejjeż ammissibbli jekk din l-akkumulazzjoni twassal għal intensità fl-ghajnunata li taqbeż il-livell iffissat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ permezz tar-regolamentazzjoni Komunitarja.”
- (37) Dwar dan il-Kummissjoni diġà indikat meta tat bidu għall-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat li d-differiment tal-ħlas kien addizzjonali għall-ghajnunata approvata mill-Kunsill, li għandha titqies bħala l-massimu li jista' jingħata f'dan il-kuntest.
- (38) Barra minn hekk skont l-awtoritajiet Taljani d-differiment tal-ħlas irid jitqies bħala miżura maqtugħa għaliha, minħabba n-nuqqas ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-produtturi, il-valur baxx tal-ammonti u l-fatt li l-iskema

ta' pagament bir-rati ma nbidlitx, liema skema baqgħet mhux mittiefsa fl-istruttura tagħha kemm għal dak li huwa għadd ta' rati kif ukoll għall-iskadenza.

- (39) Il-Kummissjoni mhix tal-istess fehma. Infatti huwa ċar li d-differiment tal-ħlas huwa direttament marbut ma' rimborż li l-pjan ta' ħlas bir-rati tiegħu ġie iffissat fid-dettall bid-Deċiżjoni 2003/530/KE fejn fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(1) jidher ċar li r-rimborż irid isir permezz ta' rati annwali ta' ammont indaqs. Għaldaqstant id-differiment ma jistax jitqies li huwa maqtugħ għal kollox mill-pjan ta' ħlas bir-rati stabbilit bid-Deċiżjoni 2003/530/KE.
- (40) L-awtoritajiet Taljani ma jaqblux ukoll mal-fatt li l-ghajnunata awtorizzata mill-Kunsill hija l-akbar ammont li jista' jingħata lill-produtturi tal-ħalib. Huma tal-fehma li d-Deċiżjoni kkonċernata għarfet l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu għall-awtorizzazzjoni tal-pjan ta' ħlas bir-rati, iżda l-karattru eċċezzjonali ta' dawn iċ-ċirkostanzi mhux minnu nnifsu fattur ta' esklużjoni ta' kwalunkwe possibbiltà biex il-benefiċjarji jiksbu kwalunkwe appoġġ ieħor, fid-dawl tal-fatt li t-Trattat jikkwota biss iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali mingħajr ma jqiegħed xi restrizzjonijiet dwar in-natura u l-mod ta' applikazzjoni tal-għajnuniet awtorizzati. F'dan il-każ speċifiku, il-karattru eċċezzjonali li wassal biex tiġi adottata d-Deċiżjoni 2003/530/KE jidher bis-sħiħ fil-mod kif ġiet adottata din l-istess deċiżjoni, jiġifieri b'unanimità, u huwa marbut maċ-ċirkostanzi li jiddeterminaw l-adozzjoni tagħha u mhux mal-ghajnunata fiha nnifisha.
- (41) Il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-fehma tal-awtoritajiet Taljani. Infatti, jekk huwa minnu li fit-tielet inċiż tal-Artikolu 108(2) it-Trattat jistabbilixxi li “[...] il-Kunsill jista' jiddeċiedi, b'vot unanimu, li miżura ta' ghajnunata mogħtija (...) għandha tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern [...] jekk din id-deċiżjoni tkun ġustifikata b'ċirkostanzi eċċezzjonali” u li l-premessa 8 tad-Deċiżjoni 2003/530/KE tistipula “[...] jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li, [...] jippermettu li l-ghajnunata titqies [...] kompatibbli mas-suq komuni”, jibqa' l-fatt li l-istess Kunsill, fil-parti operattiva tad-Deċiżjoni, stabbilixxa li l-ghajnunata titqies kompatibbli mas-suq intern “b'mod eċċezzjonali” u mhux “meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali”. Din il-frażi “b'mod eċċezzjonali” turi b'mod ċar li l-Kunsill kellu l-intenzjoni jenfasizza l-għoti tal-ghajnunata billi jassenjalha karattru uniku, minkejja l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali kif imsemmi fil-premessa 8 u għalkemm r-referenza għall-unanimità magħmula mill-awtoritajiet Taljani tista' tipprowa b'mod effettiv li l-proċedura kienet eċċezzjonali ma tistax tqajjem mill-ġdid il-kwistjoni tal-karattru uniku tal-ghajnunata ddefinit fid-Deċiżjoni.

(42) Peress li l-ghajjnuna approvata mill-Kunsill, minħabba l-karattru uniku tagħha, kienet l-ghajjnuna massima li setgħet tingħata f'dak il-kuntest speċifiku, jiġifieri l-ekwivalenti ta' ghajjnuna sħiħa, iż-żieda tad-differiment tal-ħlas tfisser l-applikazzjoni awtomatika tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru. 1535/2007, u għalhekk is-sussidju ekwivalenti tad-differiment tal-ħlas ma jistgħax jitqies inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq, u huwa għalhekk fattur ta' ghajjnuna mill-Istat. Il-kompatibilità ta' dan il-fattur mas-suq intern trid tiġi analizzata fid-dawl tar-regoli dwar il-kompetizzjoni fis-seħħ dakinhar tal-għoti tad-differiment, l-istess bħall-ghajjnuna l-għdida li rriżultat mill-ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE tal-Kunsill.

VI.2 Kompatibilità tal-ghajjnuna mas-suq intern

(43) Ir-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli dakinhar tal-għoti tad-differiment jinsabu fil-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Ghajjnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u forestali 2007-2013.

(44) Fl-ittra mibgħuta permezz tal-emejl tas-26 ta' April 2012 l-awtoritajiet Taljani sejsu l-argument tagħhom fuq il-fatt li d-differiment tal-ħlas kellu jitqies bħala li jiffirma parti minn skema *de minimis* u għal din ir-raġuni ma pprovdew ebda ġustifikazzjoni dwar il-kompatibilità tad-differiment tal-ħlas mas-suq intern, u lanqas tal-ghajjnuna l-għdida li taqa' lil hinn mill-qafas tad-Deċiżjoni 2003/530/KE, fid-dawl tar-regoli li jinsabu fil-Linji Gwida msemmija hawn fuq.

(45) Għaldaqstant il-Kummissjoni ma għandha ebda element għdid li jippermettilha tneħħi d-dubji li esprimiet dakinhar tal-bidu tal-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat. L-ghajjnuna mogħtija bid-differiment tal-ħlas u, allura wkoll, l-ghajjnuna l-għdida stabbilita mill-ksur tal-qafas tad-Deċiżjoni 2003/530/KE huma minnhom infushom ghajjnuniet unilaterali, maħsuba biss biex itejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi mingħajr ma jikkontribwixxu bl-ebda mod għall-iżvilupp tas-settur, jiġifieri ghajjnuniet operatorji li huma inkompatibbli mas-suq intern skont il-paragrafu 15 tal-Linji Gwida ta' hawn fuq.

VI.3 L-irkupru

Il-ħtieġa li titneħħa l-ghajjnuna

(46) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza kkonsolidata tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jekk jinstab li l-ghajjnuna hija inkompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni hija awtorizzata tiddeċiedi jekk l-Istat ikkonċernat għandux jabolixxi jew jimmodifika l-ghajjnuna⁽¹⁾. Skont

il-ġurisprudenza tal-Qorti l-obbligu tal-Istat li jabolixxi l-ghajjnuna li l-Kummissjoni tqis bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa li s-sitwazzjoni terġa tiġi kif kienet. F'dan ir-rigward, il-Qorti ddikjarat li dan l-għan jitqies bħala milħuq meta l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala ghajjnuna illegali, biex b'hekk jintilef il-vantaġġ li bbenefika minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u dan iġib lura s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel l-għoti tal-ghajjnuna⁽²⁾.

(47) Bi qbil ma' din il-ġurisprudenza, l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE⁽³⁾, jistipula hekk: "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' ghajjnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-ghajjnuna mill-benefiċjarju" (f'dan il-każ il-benefiċjarji kollha li bbenefikaw mid-differiment tal-ħlas).

(48) Għalhekk l-Italja mistennija tieħu l-passi kollha meħtieġa biex mill-benefiċjarji tirkupra l-ghajjnuna mhux kompatibbli mogħtija. Skont il-paragrafu 42 tal-Avviż tal-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex-tiġi rkuprata Ghajjnuna mill-Istat inkompatibbli li nġhatat kontra l-liġi"⁽⁴⁾, l-Italja għandha erba' xhur wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni biex timplimentaha. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jinkludu mgħaxxijiet ikkalkulati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE⁽⁵⁾.

(49) Din id-Deċiżjoni trid tiġi implimentata minnufih, b'mod partikolari għal dak li huwa rkupru tal-ghajjnuniet kollha inkompatibbli individwali mogħtija.

Benefiċċji u ammonti li jridu jiġu rkuprati

(50) Fid-dawl tal-kuntest speċifiku ħafna li fih ingħatat l-ghajjnuna (l-ghajjnuna għet miżjuda ma' programm li jiffirma parti minn pakkett approvat mill-Kunsill) u tal-konsegwenzi tagħha (ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE għal dawk li bbenefikaw mid-differiment tal-ħlas, filwaqt li l-ghajjnuna diġà kienet approvata b'mod eċċezzjonali bid-Deċiżjoni), għandu jiġi rkuprat, fir-rigward ta' dawk li bbenefikaw mid-differiment tal-ħlas, dan li ġej:

⁽¹⁾ Il-Kawża C-70/72 Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja [1973] Ġabra I-813, paragrafu 13.

⁽²⁾ Il-Kawżi konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 Spanja vs il-Kummissjoni [1994] Ġabra I - 4103, paragrafu 75, il-Kawża C-75/97 il-Belġju vs il-Kummissjoni [1999] Ġabra I-30671, paragrafi 64-65.

⁽³⁾ ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

- a) l-imgħaxijiet marbuta mad-differiment tal-ħlas tal-imposta li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010, flimkien ma' kull imgħax akkumulat sad-data tal-irkupru;
- b) l-imgħaxijiet li akkumulaw fuq il-pagamenti annwali li skadew fis-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 (il-kapital ta' dawn is-snin tħallas qabel mad-differiment tal-ħlas ġab ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE), flimkien mal-imgħaxijiet akkumulati sad-data tal-irkupru.
- c) l-imgħaxijiet li jtilgħu fuq il-pagamenti annwali li skadew fil-31 ta' Diċembru tas-snin 2011 u 2012 (l-ebda informazzjoni ma turi li l-kapital ma tħallasx fl-iskadenza), miżjuda bl-imgħaxijiet fuq ħlasijiet magħmula tard sad-data tal-irkupru;
- d) il-kapital u l-imgħaxijiet marbuta mal-pagamenti annwali li jskadu fil-31 ta' Diċembru tal-2013, 2014, 2015, 2016 u 2017, li hija l-aħħar data tal-iskema tal-ħlas stabbilita bid-Deċiżjoni 2003/530/KE.

Evalwazzjoni tal-kummenti tal-partijiet interessati fl-irkupru

- (51) L-importanza li l-awtoritajiet Taljani taw lill-fatt li ammont li jrid jiġi rkuprat huwa żgħir u r-riskju ta' proċedimenti oħra min-naħa tal-produtturi quddiem il-qrati nazzjonali ma jbiddu xejn dwar li għajnuna mill-Istat li ma tħarisx il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ibbenefikar minn waħda mid-derogi stipulati bl-Artikolu 107 tat-Trattat, u li għalhekk hija inkompatibbli mas-suq intern, jeħtieġ li tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji sabiex is-sitwazzjoni kompetittiva terġa lura għall-istat ta' qabel ma kienet ingħatat l-għajnuna. Tabilħaqq, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tneħħija ta' għajnuna mhux leġittima li tiġi ddikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni hija konsegwenza loġika tan-nuqqas ta' leġittimità, billi l-fini tal-irkupru mhux għajr li terġa tinkiseb is-sitwazzjoni ta' qabel⁽¹⁾; l-għan tar-restawr tas-sitwazzjoni preċedenti jintlaħaq meta l-għajnuniet illegali u inkompatibbli mas-suq intern jergħu jitħallsu lura mill-benefiċjarju, u li għaldaqstant dan jiġi mċaħħad mill-vantaġġ li jkun gawda fis-suq għas-skopitu tal-kompetituri tiegħu. F'każ bħal dan tiġi restawrata s-sitwazzjoni ta' qabel ma tħallset l-għajnuna⁽²⁾.

- (52) Barra minn hekk, għal dak li għandu x'jaqsam maċ-ċokon tal-ammonti li jridu jitħallsu lura, l-awtoritajiet Taljani jidher li qed jillimitaw l-ambitu tal-irkupru għall-imgħax biss li jrid jiżdied mal-pagamenti annwali li huma oġġett ta' differiment ta' ħlas. Iżda l-irkupru, li jikkonċerna biss dawk li fil-fatt ibbenefikaw mid-differiment tal-ħlas, irid jinkludi l-għajnuna sħiħa ddikjarata inkompatibbli, flimkien mal-imgħax dovut (dwar dan, ara madankollu l-paragrafu 50).
- (53) Fl-aħħar nett, l-argument li l-produtturi jistgħu jirrikorru quddiem il-qrati nazzjonali ma jstgħax jitqies bħala rilevanti minħabba li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-possibbiltà biss ta' diffikultajiet interni, anki jekk ikunu ta' natura serja, ma tistax tiġġustifika n-nuqqas ta' tħaris min-naħa ta' Stat Membru tal-obbligi li jaqgħu fuq skont il-liġi tal-Unjoni⁽³⁾.
- (54) Għaldaqstant, l-Italja tista' tapplika r-regoli *de minimis* applikabbli fis-settur agrikolu għall-irkupru tal-għajnuna individwali mill-benefiċjarji li meta ngħataw l-għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern kienu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha tar-Regolament *de minimis* applikabbli (ir-Regolament (KE) Nru. 1535/2007). B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 49 tal-Avviż tal-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli⁽⁴⁾ li ngħatat kontra l-liġi" l-Istat Membru jkun meħtieġ jagħmel analiżi dettaljata ta' kull għajnuna individwali mogħtija fuq il-bażi tal-iskema kkonċernata. Biex tikkwantifika l-ammont preċiż tal-għajnuna li għandha tkun irkuprata minn kull benefiċjarju mill-iskema, l-Italja trid għalhekk tiddetermina safejn l-għajnuna ngħatat għal proġett speċifiku li, meta saret l-għotja, kien jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha fir-regolament dwar l-eżenzjonijiet skont il-kategorija jew fl-iskema ta' għajnuniet approvata mill-Kummissjoni. F'każ bħal dan l-Istat Membru jista' wkoll japplika b'mod sostanzjali l-kriterji *de minimis* fis-seħħ meta saret l-għotja illegali u inkompatibbli li hija oġġett tad-deċiżjoni ta' rkupru skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.994/98 tas-7 ta' Mejju 1998, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali⁽⁵⁾. Skont dan il-kriterju, l-għajnuna individwali mogħtija fl-ambitu tal-miżura kkonċernata ma tikkostitwixx għajnuna għall-benefiċjarji li, meta ssir l-għotja, jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipualti mir-Regolament *de minimis* fis-seħħ (Regolament (KE) nru. 1535/2007).

⁽¹⁾ Ordni tat-12 ta' Diċembru 2012, il-Kawża T-260/00, Cooperativa San Marco fra Lavoratori della Piccola Pesca – Burano Soc. Coop. RL e altri vs il-Kummissjoni Ewropea, għadha mhix ippublikata, paragrafu 55.

⁽²⁾ Il-Kawża C-348/93 tal-4 ta' April 1995, il-Kummissjoni vs l-Italja [1995] Ġabra I-673, paragrafu 27.

⁽³⁾ Il-Kawża C-6/97 tad-19 ta' Mejju 1999, l-Italja vs il-Kummissjoni [1999] Ġabra I-2981, paragrafu 34.

⁽⁴⁾ ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.

VI.4 Evalwazzjoni tal-kummenti tal-partijiet interessati dwar proċedimenti oħra

- (55) Fir-rigward tal-kummenti mill-ewwel parti interessata (ara il-paragrafu 22), il-Kummissjoni tenfasizza li d-differiment tal-ħlas skont l-Artikolu 40 bis tal-Liġi Nru 122/2010, għal pagament li jrid jitħallas skont programm addizzjonali għal ħlas bir-rati stabilizati bil-Liġi Nru 33/2009, mhux kopert mill-proċediment ta' din id-Deċiżjoni, billi ma jikkonċernax l-iskema ta' ħlas bir-rati addizzjonali stabbilita bid-Deċiżjoni 2003/530/KE.
- (56) Fir-rigward tal-kummenti taż-żewġ partijiet interessati dwar id-Digriet Liġi Nru. 16/2012 (il-paragrafi 24 u 26), il-Kummissjoni bħalissa qed teżaminahom, iżda hija tal-fehma li jridu jiġu ttrattati b'mod separat minħabba raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva, fost l-oħrajn, minħabba li l-għaqda taż-żewġ proċedimenti permezz ta' twessiegħ tal-proċediment u l-applikazzjoni tal-formalitajiet amministrattivi relatati jkomplu b'mod sinifikanti jittardjaw l-għeluq tal-proċediment li huwa oġġett ta' din id-Deċiżjoni.

VII. KONKLUŻJONI

- (57) Il-Kummissjoni tagħraf u tikkonferma li l-Italja b'mod illegali wettqet differiment tal-ħlas inkwistjoni u b'hekk irriżultaw illegali wkoll kemm l-għajjnuna marbuta miegħu (ara t-tieni inċiż tal-paragrafu 13) kif ukoll l-iskema l-għdida ta' għajjnuna ddeterminata bil-ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE (ara t-tielet inċiż tal-paragrafu 13). L-eżami ta' hawn fuq juri li ebda waħda mill-għajjnuniet imsemmija ma tista' titqies kompatibbli mas-suq intern, peress li l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda element li jista' jipprova l-kompatibilità fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għas-settur agrikolu (ara l-paragrafi 43 sa 45) (huma sempliċement isostnu l-argument li d-differiment tal-ħlas kellu jitqies għalih waħdu, mingħajr ma jitqies l-impatt tiegħu fuq id-Deċiżjoni 2003/530/KE, u seta' jitqies bħala skema *de minimis*). Għaldaqstant il-Kummissjoni mhix fqaghda li xxolji d-dubbi diġà espressi bil-bidu tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat.
- (58) L-għajjnuniet inkompatibbli jridu jiġu rkuprati flimkien mal-imgħaxijiet rilevanti mingħand il-benefiċċjarji kkonċernati, jiġifieri dawk li gawdew mid-differiment tal-ħlas inkwistjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Id-differiment tal-ħlas tar-rati tal-imposti fuq il-ħalib li jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2010, introdott bħala l-paragrafu 12 *duodecies* tal-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi Nru. 224 tad-29 ta' Diċembru 2010 bil-Liġi Nru. 10/2011, u applikat b'mod illegali

mill-Italja, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq intern.

2. L-għajjnuna li rriżultat mil-ksur tal-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/530/KE kif iddeterminat bid-differiment tal-ħlas skont l-Artikolu 1, applikata b'mod illegali mill-Italja, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

1. L-Italja hija obbligata li tirkupra mill-benefiċċjarji tad-differiment tal-ħlas kkonċernati kif imsemmi fl-Artikolu 1(1), l-għajjnuniet inkompatibbli kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u (2).

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom iġibu mgħax mid-data li fiha tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċċjarji sa dik tal-irkupru effettiv tagħhom.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru. 794/2004.

4. L-irkupru li jikkonċerna biss lil dawk li fil-fatt ibbenefikaw mid-differiment tal-ħlas kif imsemmi fl-Artikolu 1 u għaldaqstant ibbenefikaw mill-għajjnuna kif imsemmi fl-Artikolu 2, għandu japplika għal dan li ġej:

a) l-imgħaxijiet marbuta mad-differiment tal-ħlas tal-imposta li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010, flimkien ma' kull imgħax akkumulat sad-data tal-irkupru effettiv;

b) l-imgħaxijiet li akkumulaw fuq il-pagamenti annwali li skadew fil-31 ta' Diċembru tas-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 (il-kapital ta' dawn is-snin tħallas qabel mad-differiment tal-ħlas ġab ksur tad-Deċiżjoni 2003/530/KE), flimkien mal-imgħaxijiet akkumulati sad-data tal-irkupru effettiv;

c) l-imgħaxijiet li jtilgħu fuq il-pagamenti annwali li skadew fil-31 ta' Diċembru tas-snin 2011 u 2012 (l-ebda informazzjoni ma turi li l-kapital ma tħallasx fl-iskadenza), miżjuda bl-imgħaxijiet fuq ħlasijiet magħmula tard sad-data tal-irkupru;

d) il-kapital u l-imgħaxijiet marbuta mal-pagamenti annwali li jiskadu fil-31 ta' Diċembru tal-2013, 2014, 2015, 2016 u 2017, li hija l-aħħar data tal-iskema tal-ħlas stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

5. L-ghajjnuna individwali mogħtija taħt l-iskema msemija fl-Artikolu 1 ma tikkostitwixxix ghajjnuna mill-Istat jekk, meta tingħata, hija tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 applikabbli fiż-żmien meta tingħata l-ghajjnuna.

Artikolu 3

1. L-irkupru tal-ghajjnuna msemija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.
2. L-Italja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data li fiha għet innotifikata.

Artikolu 4

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja:
 - a) il-lista tal-benefiċjarji li rċewew ghajjnuna skont l-iskemi msemija fl-Artikolu 1 u l-ammont totali li rċieva kull wieħed minnhom skont l-iskema konċernata;
 - b) l-ammont totali (kapital u mgħax) li għandu jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju fil-każ ta' ghajjnuna li ma tistax tkun irkuprata bir-regola *de minimis*;
 - c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni;

d) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarji ntalbu jħallsu lura l-ghajjnuna.

2. L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-ghajjnuna mogħtija skont l-iskema msemija fl-Artikolu 1 tkun irkuprata kollha. Hija għandha tissottometti minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dwar dawk ippjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Għandha wkoll tippovdi informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' ghajjnuna u mgħax diġà rkuprati mill-benefiċjarji.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni
Dacian CIOLOŞ
Membru tal-Kummissjoni

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 4/2013 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tas-7 ta' Novembru 2013

li taħtar membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Koperazzjoni Agrikola u Rurali (CTA)

(2013/666/UE)

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽²⁾ u kif emendat it-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tal-Anness III tiegħu;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 4/2006 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-27 ta' Settembru 2006 dwar l-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura taċ-Ċentru Tekniku ta' Koperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha;

Billi:

- (1) Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Koperazzjoni Agrikola u Rurali, kif estiż bid-Deċiżjoni Nru 2/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ⁽⁵⁾, skada fil-21 ta' Awwissu 2013.
- (2) Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru membri ġodda,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li l-Kumitat jista' jkollu jieħu skont il-qafas tal-prerogattivi tiegħu,

dawn li ġejjin qegħdin jinħatru bħala membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Koperazzjoni Agrikola u Rurali:

— Prof. Eric TOLLENS

għal mandat ta' sentejn, li jintemm fis-6 ta' Novembru 2015 u

— Prof. Baba Y. ABUBAKAR

— Prof. Augusto Manuel CORREIA

— Is-Sinjura Helena JOHANSSON

— Dr Faustin R. KAMUZORA

— Prof. Clement K. SANKAT,

għal mandat ta' ħames snin, li jintemm fis-6 ta' Novembru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

R. KAROBLIS

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).

⁽³⁾ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-ftehim ta' sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁽⁴⁾ ĠU L 350, 12.12.2006, p. 10.

⁽⁵⁾ ĠU L 163, 15.6.2013, p. 30.

DEĊIŻJONI Nru 5/2013 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tas-7 ta' Novembru 2013

dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

(2013/667/UE)

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussembrugu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽²⁾ u emendat għat-tieni darba f'Ougadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽³⁾ ("il-Ftehim AKP-UE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 3(5) u (6) tal-Anness III tiegħu,

Billi:

- (1) It-tieni reviżjoni tal-Ftehim AKP-UE, emendat l-Anness III tiegħu biex tirrevedi missjoni mogħtija liċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) u biex tiġi ċċarata u msaħħa l-governanza ta' dan l-organiżmu, b'mod partikolari s-superviżjoni mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi u r-responsabbiltajiet tal-Bord Eżekuttiv.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE ⁽⁴⁾ tipprovdi għall-applikazzjoni temporanja tat-tieni emendament tal-Ftehim AKP-UE mill-31 ta' Ottubru 2010.
- (3) Bħala konsegwenza l-istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") għandhom jiġu emendati kif xieraq.

- (4) Skont l-Artikolu 3(5) tal-Anness III tal-Ftehim AKP-UE, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jistabbilixxi l-istatuti taċ-Ċentru. Huwa xieraq għalhekk li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi jadotta Deċiżjoni għal dak il-għan,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

L-istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) annessi ma' din id-deċiżjoni huma b'dan adottati.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-AKP, għandhom jintrabtu, sa fejn ikun jikkonċernahom rispettivament, li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE**Il-President*

R. KAROBLIS

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).

⁽³⁾ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussembrugu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2010 dwar miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussembrugu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 68).

ANNEX

STATUTI TAĊ-ĊENTRU TEKNIKU TA' KOOPERAZZJONI AGRIKOLA U RURALI (ĊTA)*Artikolu 1***Suġġett**

1. Iċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) (minn issa "iċ-Ċentru"), fis-sens tat-tifsira tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽²⁾ u emendat għat-tieni darba f'Ougagougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim AKP-UE"), għandu jkun korp tekniku konġunt AKP-UE. Għandu jkollu personalità ġuridika u għandu jgawdi fl-Istati kollha parti għall-Ftehim AKP-UE il-kapaċità legali l-aktar estensiva mogħtija lill-entitajiet legali tal-istess tip skont il-liġijiet tagħhom.
2. Il-persunal taċ-Ċentru għandhom igawdu l-privileġġi ta' konswetudni, immunitajiet u faċilitajiet li hemm provduti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 2 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u msemmi fid-Dikjarazzjonijiet VI u VII annessi mal-Ftehim AKP-UE.
3. Iċ-Ċentru għandu jkun korp li ma jaħdimx għall-profit.
4. Il-kwartieri taċ-Ċentru għandu provviżorjament ikun f'Wageningen (il-Pajjiżi Baxxi), b'uffiċċju lokali fi Brussell.

*Artikolu 2***Prinċipji u għanijiet**

1. Iċ-Ċentru għandu jaġixxi b'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-oġġettivi tal-Ftehim AKP-UE. Huwa għandu jsegwi l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-Anness III tal-Ftehim ta' Cotonou taħt is-supervżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi.
2. Iċ-Ċentru għandu jelabora d-dettalji ta' dawn l-għanijiet f'karta ta' strateġija globali.
3. Iċ-Ċentru għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet u korpi oħra msemmija fil-Ftehim AKP-UE jew fid-dikjarazzjonijiet annessi. Iċ-Ċentru jista', fejn meħtieġ, jitlob lil istituzzjonijiet reġjonali u internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jinsabu fl-Unjoni Ewropea jew l-Istati tal-AKP u li jitrattaw kwistjonijiet dwar tratturi għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

*Artikolu 3***Finanzjament**

1. Il-baġit taċ-Ċentru għandu jkun iffinanzjat skont ir-regoli stabbiliti fil-Ftehim AKP-UE fir-rigward tal-kooperazzjoni għal żvilupp finanzjarju.
2. Il-baġit taċ-Ċentru jista' jirċievi riżorsi addizzjonali minn partijiet oħra għall-finijiet li jikseb l-għanijiet stabbiliti mill-Ftehim AKP-UE u l-implimentazzjoni tal-istrateġija mfassla miċ-Ċentru.

*Artikolu 4***Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi**

1. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi għandu jkun l-awtorità supervżorja taċ-Ċentru skont l-Artikolu 3(5) tal-Anness III tal-Ftehim AKP-UE. Huwa jaħtar il-membri tal-Bord Eżekuttiv u d-Direttur taċ-Ċentru bi proposta mill-Bord Eżekuttiv. Huwa għandu jissorvelja l-istrateġija kumplessiva taċ-Ċentru u jissorvelja x-xogħol tal-Bord Eżekuttiv.
2. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi għandu jagħti kwittanza lid-Direttur fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit. Sabiex tingħata l-kwittanza, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi għandu jirċievi rakkomandazzjoni mill-Bord Eżekuttiv ibbażata fuq l-eżami tar-rapporti finanzjarji annwali u l-opinjoni espressa mill-Awditur, flimkien mat-tweġibiet mogħtija mid-Direttur.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).

⁽³⁾ Ftehim li jemenda għat-tieni darba il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

3. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jista' jeżamina u jibdel fi kwalunkwe ħin id-deċiżjonijiet meħuda miċ-Ċentru. Huwa għandu jkun infurmat regolarment mill-Bord Eżekuttiv, u, fuq talba tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi, ukoll mid-Direttur taċ-Ċentru.

Artikolu 5

Bord Eżekuttiv

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiġi stabbilit biex jappoġġa, jissorvelja u jikkontrolla l-aspetti tekniċi, amministrattivi u finanzjarji kollha tal-attivitajiet taċ-Ċentru.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun kompost, fuq bażi ta' parità minn sitt membri fit-totalità, tliet ċittadini tal-AKP u tliet ċittadini tal-Unjoni Ewropea, li huma magħżula mill-Partijiet għall-Ftehim AKP-UE u appuntati mill-Kumitat għall-Ambaxxaturi, fuq il-bażi tal-kwalifiki professjonali tagħhom fl-oqsma tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u/jew politiki tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ix-xjenza, il-ġestjoni u t-teknoloġija.

3. Sabiex tiġi żgurata t-kompliġja operazzjonali tal-Bord Eżekuttiv, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi għandu jieħu l-impenn li ma jissostitwixxi jgeddid il-membri kollha tal-Bord Eżekuttiv fl-istess sena kalendarja.

4. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi skont il-proċeduri stabbiliti mill-Kumitat għal perjodu sa ħames snin, soġġett għal revizzjoni ta' nofs it-terminu.

5. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkollu tal-anqas tliet laqgħat ordinarji fis-sena. Huwa jista' wkoll ikollu laqgħa straordinarja kull meta jkun meħtieġ sabiex iwettaq id-doveri tiegħu, fuq it-talba tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi jew fuq it-talba tal-President tal-Bord jew fuq it-talba tad-Direttur. Iċ-Ċentru għandu jaġixxi bħala s-segretarjat tal-Bord Eżekuttiv.

6. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod indipendenti, ma għandhomx ifittxu jew jieħdu l-ebda struzzjoni minn partijiet terzi u għandhom jaġixxu biss fl-interessi taċ-Ċentru. Il-pożizzjoni ta' membru tal-Bord Eżekuttiv għandha tkun inkompatibbli ma' kwalunkwe attività oħra remunerata miċ-Ċentru.

7. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom jeleġġu l-President u Vċi-President minn fosthom għal perjodu mhux itwal minn ħames snin skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Il-pożizzjoni tal-President għandha timtela minn ċittadin tal-parti (AKP jew l-Unjoni Ewropea) li ma jkollhiex il-kariga tad-Direttur taċ-Ċentru. Il-kariga ta' Vċi President għandha timtela minn ċittadin mill-parti li ma jkollhiex il-kariga tal-President.

8. Għal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv għandhom jattendu osservaturi mill-Kummissjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Istati AKP.

9. Il-Bord Eżekuttiv jista' jistieden membri oħra mill-amministrazzjoni u mill-persunal taċ-Ċentru u/jew esperti esterni biex jagħtu pariri dwar kwistjonijiet speċifiċi.

10. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti jew rappreżentati, skont ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Kull membru tal-Bord Eżekuttiv għandu jkollu vot wieħed. Fl-eventwalità ta' voti indaqs, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv.

11. Il-minuti għandhom jitħejjew wara kull laqgħa. Id-diskussjonijiet tal-Bord Eżekuttiv għandhom ikunu kunfidenzjali.

12. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess u għandu jissottomettihom lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi għal skop ta' informazzjoni.

Artikolu 6

Kompiti tal-Bord Eżekuttiv

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jissorvelja mill-qrib l-attivitajiet taċ-Ċentru. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli quddiem il-Kumitat tal-Ambaxxaturi.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu:

(a) jistabbilixxi abbozz tar-regolamenti finanzjarji skont ir-regoli tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u dawn l-istatuti u għandu jippreżentahom lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi għall-approvazzjoni;

(b) jistabbilixxi u japprova r-regolamenti tal-persunal u r-regoli tal-operazzjoni taċ-Ċentru skont ir-regoli tal-FEŻ u l-istatuti preżenti u għandu jippreżentahom quddiem il-Kumitat tal-Ambaxxaturi bħala informazzjoni;

(ċ) jissorvelja l-attivitajiet taċ-Ċentru u jiżgura li l-missjoni u r-regoli tiegħu jkunu implimentati kif xieraq;

- (d) jadotta l-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali u l-baġit taċ-Ċentru u jressaqhom quddiem il-Kumitat tal-Ambaxxaturi bħala informazzjoni;
- (e) jippreżenta rapporti u evalwazzjonijiet perjodiċi tal-attivitajiet taċ-Ċentru lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi;
- (f) jadotta karta ta' strateġija kumplessiva taċ-Ċentru u jissottomettiha lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi bħala informazzjoni;
- (g) japprova l-istruttura organizzattiva, politika tal-persunal u l-organigramma taċ-Ċentru;
- (h) jivvaluta l-prestazzjoni u l-pjan ta' ħidma tad-Direttur fuq bażi annwali u jippreżenta rapport f'dak ir-rigward lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi;
- (i) japprova r-reklutaġġ ta' persunal ġdid u t-tiġdid, estensjoni jew terminazzjoni ta' kuntratti tal-persunal eżistenti;
- (j) japprova r-rapporti finanzjarji annwali, abbażi tal-eżami tar-rapport tal-awditjar;
- (k) jibgħat ir-rapporti finanzjarji annwali u r-rapport tal-awditjar, flimkien ma' rakkomandazzjoni għall-attenzjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi, bil-ħsieb li jagħti l-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit lid-Direttur;
- (l) japprova r-rapporti annwali u jibgħathom lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi għall-verifika li l-attivitajiet taċ-Ċentru huma konsistenti mal-għanijiet stabbiliti mill-Ftehim AKP-UE u l-istrateġija ġenerali tal-karta taċ-Ċentru;
- (m) jipproponi l-ħatra tad-Direttur taċ-Ċentru lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi;
- (n) jekk ikun meħtieġ, jipproponi, permezz ta' proposta raġunata kif mistħoqq, wara li jeżawrixi r-rikonċiljazzjoni u r-rimedji kollha u b'rispett għad-dritt ta' smiġh, li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi jkeċċi lid-Direttur.
- (o) jipproponi lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur għat-tieni u l-aħħar mandat abbażi ta' evalwazzjoni sfiqa tal-prestazzjoni tiegħu/tagħha matul l-ewwel mandat;
- (p) jirrapporta lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi dwar kwalunkwe kwistjonijiet importanti li jinqalgħu matul il-qadi ta' dmiri-jietu; u
- (q) jirrapporta lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi dwar il-miżuri meħuda fid-dawl tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tiegħu.

3. Wara proċedura ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, il-Bord Eżekuttiv għandu jagħżel, mill-inqas fost tliet offeri, kumpanija ta' awdituri għal perjodu ta' tliet snin. Tali kumpanija għandha tkun membru ta' korp superviżorju rikonoxxut internazzjonalment. L-awdituri magħżula għandhom jeżaminaw jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ġewx imfassla tajjeb u skont Standards Internazzjonali tal-Kontabilità, u jagħtu stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja taċ-Ċentru. L-awdituri għandhom ukoll jikkummentaw dwar kemm hi soda l-ġestjoni finanzjarja taċ-Ċentru.

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jirrakkomanda lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi jagħti l-kwittanza lid-Direttur fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit wara l-verifika tar-rapporti finanzjarji annwali taċ-Ċentru.

Artikolu 7

Direttur

1. Iċ-Ċentru għandu jkun immexxi minn Direttur maħtur mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi bi proposta mill-Bord Eżekuttiv għal perjodu mhux itwal minn ħames snin. Il-Kopresidenti tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi għandhom jiffirmaw l-ittra tal-ħatra tad-Direttur. Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord Eżekuttiv abbażi ta' prestazzjoni eċċellenti, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jista' taħt ċirkostanzi eċċezzjonali jgħedded il-ħatra tad-Direttur għal perjodu massimu ta' ħames snin. M'għandha tkun possibbli l-ebda estensjoni lil hinn minn dan il-perijodu. L-approvazzjoni tat-tieni u l-aħħar mandat għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni sfiqa, abbażi ta' kriterji ta' prestazzjoni verifikabbli ppreżentati lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi mill-Bord Eżekuttiv.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli mir-rappreżentanza legali u istituzzjonali taċ-Ċentru u għall-eżekuzzjoni tal-mandat u l-kompiti taċ-Ċentru.

3. Id-Direttur għandu jkun responsabbli biex jissottometti lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni:
 - (a) karta tal-istrateġija kumplessiva taċ-Ċentru;
 - (b) l-attività annwali u pluriennali/programmi ta' ħidma;
 - (ċ) il-baġit annwali taċ-Ċentru;
 - (d) ir-rapport annwali, ir-rappurtar perjodiku u l-evalwazzjoni;
 - (e) l-istruttura organizzattiva, il-politika tal-persunal u l-organigramma taċ-Ċentru; u
 - (f) ir-reklutaġġ ta' membri tal-persunal ġodda u t-tiġdid, estensjoni jew terminazzjoni tal-kuntratti tal-membri tal-persunal eżistenti.
 4. Id-Direttur għandu jkun responsabbli mill-organizzazzjoni u l-immaniġġar ta' kuljum taċ-Ċentru. Id-Direttur għandu jirrapporta lill-Bord Eżekuttiv dwar kwalunkwe miżura implimentattiva tar-regoli tat-tħaddim taċ-Ċentru.
 5. Id-Direttur għandu jirrapporta lill-Bord Eżekuttiv dwar kwalunkwe kwistjoni ewlenija li tinqala' fl-eżerċizzju ta' dmirijietu/ħa, u, meta meħtieġ, għandu jinforma lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi b'dan.
 6. Id-Direttur għandu jippreżenta l-pjan tal-ġestjoni tal-ħidma annwali tiegħu/tagħha u jirrapporta dwar il-kisbiet tal-Bord Eżekuttiv għall-valutazzjoni u t-trasmissjoni sussegwenti lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi.
 7. Id-Direttur għandu jkun responsabbli biex jippreżenta r-rapporti finanzjarji annwali lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni u t-trasmissjoni lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi.
 8. Id-Direttur għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jaġixxi fuq l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi, li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tal-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit.
-

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 566/2012 tat-18 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 169 tad-29 ta' Ġunju 2012)

Fpaġna 9, fl-Artikolu 1, taħt l-"Artikolu 1g":

minflok: "L-Istati Membri emittenti għandhom jaġġornaw in-naħat nazzjonali tagħhom tal-muniti regolari sabiex jikkonformaw bis-sħiħ ma' dan ir-Regolament sal-20 ta' Ġunju 2062.",

aqra: "L-Istati Membri emittenti għandhom jaġġornaw in-naħat nazzjonali tagħhom tal-muniti regolari sabiex jikkonformaw bis-sħiħ ma' dan ir-Regolament sal-20 ta' Lulju 2062.",

Fpaġna 10, fl-Artikolu 1, taħt l-"Artikolu 1j":

minflok: "L-Artikoli 1c, 1d u 1e u 1h(2):

- (a) ma għandhomx japplikaw għall-muniti għaċ-ċirkolazzjoni li nħarġu jew ġew prodotti qabel id-19 ta' Ġunju 2012.
- (b) matul perijodu transizzjonali li jintemm fl-20 ta' Ġunju 2062, ma għandhomx japplikaw għad-disinji li diġà qed jintużaw b'mod legali fuq il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni fid-19 ta' Ġunju 2012. Il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni li nħarġu jew li ġew prodotti matul il-perijodu transizzjonali jistgħu jibqgħu bħala valuta legali mingħajr limitu ta' żmien.",

aqra: "L-Artikoli 1c, 1d, 1e u 1h(2):

- (a) ma għandhomx japplikaw għall-muniti għaċ-ċirkolazzjoni li nħarġu jew ġew prodotti qabel id-19 ta' Lulju 2012.
 - (b) matul perijodu transizzjonali li jintemm fl-20 ta' Lulju 2062, ma għandhomx japplikaw għad-disinji li diġà qed jintużaw b'mod legali fuq il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni fid-19 ta' Lulju 2012. Il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni li nħarġu jew li ġew prodotti matul il-perijodu transizzjonali jistgħu jibqgħu bħala valuta legali mingħajr limitu ta' żmien.",
-

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT